

Kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tas-sikurezza nukleari

Il-Kummissjoni għadha attur globali importanti iżda ma għandhiex strateġija komprensiva u lanqas monitoraġġ robust



QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

Werrej

Paragrafu

01 - 11 | **Messaġġi prinċipali** 01

01 - 06 | **Għalfejn huwa importanti dan il-qasam?**

07 - 11 | **X'sibna u x'nirrakkomandaw**

12 - 57 | **Ħarsa aktar mill-qrib lejn l-osservazzjonijiet tagħna** 02

12 - 24 | **Il-kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tas-sikurezza nukleari hija rilevanti, iżda l-Kummissjoni ma għandhiex approċċ strateġiku li huwa komprensiv u aġġornat**

13 - 14 | Il-kooperazzjoni internazzjonali fis-sikurezza nukleari hija rilevanti fid-dawl tan-natura tar-riskji nukleari li taqsam il-fruntieri

15 - 24 | Il-Kummissjoni ma għandhiex strateġija aġġornata u komprensiva li tiggwida l-intervent tagħha

25 - 33 | **B'mod ġenerali, l-għażla tal-azzjonijiet hija bbażata fuq ħtiġijiet ta' sikurezza nukleari ddefiniti sew, iżda ma għandhiex prijoritizzazzjoni robusta**

26 - 28 | Il-Kummissjoni stabbiliet proċess tal-għażla b'sisien sodi abbażi ta' ħtiġijiet speċifiċi ta' sikurezza nukleari

29 - 30 | L-għażla tal-azzjonijiet ma għandhiex punteġġ u klassifikazzjoni skont kriterji predefiniti, u b'hekk titnaqqas it-trasparenza tagħha

31 - 33 | Mill-bidu nett, xi azzjonijiet kienu milquta minn nuqqasijiet fil-maturità jew minn dimostrazzjoni insuffiċjenti tal-ħtieġa għal finanzjament mill-UE

- 34 - 49 | L-appoġġ mill-UE kkontribwixxa għat-twettiq ta' azzjonijiet diversi u xi drabi kumplessi, iżda spiss iffaċċja dewmien u, f'xi każijiet, kostijiet ogħla u riskji għas-sostenibbiltà**
- 35 - 37 | L-UE tat appoġġ għat-twettiq ta' firxa wiesgħa ta' azzjonijiet, inklużi proġetti kbar u kumplessi
- 38 - 45 | Spiss l-azzjonijiet tlestew tard, u f'xi każijiet inqabeż il-baġit
- 46 - 49 | F'xi każijiet, is-sostenibbiltà għal żmien twil tibqa' sfida sinifikanti
- 50 - 57 | Il-monitoraġġ mill-Kummissjoni mhuwiex biżżejjed f'diversi aspetti**
- 51 - 54 | Il-Kummissjoni sserraħ fuq il-ħidma ta' monitoraġġ li l-partijiet terzi wettqu fir-rigward tas-self lill-Ukrajna, mingħajr qafas ċar ta' rwoli u responsabbiltajiet
- 55 - 57 | Fil-biċċa l-kbira mill-każijiet, il-monitoraġġ huwa ffukat fuq l-outputs, mhux fuq titjib reali fis-sikurezza nukleari

Annessi

Anness I – Dwar l-awditu

Anness II – Lista ta' kuntratti li ttieħdu bħala kampjun

Abbrevjazzjonijiet

Glossarju

Risposti tal-Kummissjoni u tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna

Kronoloġija

Tim tal-awditjar

01

Messaġġi prinċipali

Għalfejn huwa importanti dan il-qasam?

- 01** Id-domanda għall-enerġija qed tiżdied mad-dinja kollha u t-teknoloġiji nukleari jipprovdu sehem dejjem akbar minnha, b'reatturi ġodda li bdew jaħdmu f'diversi partijiet tad-dinja. L-applikazzjoni primarja tal-enerġija nukleari hija l-ġenerazzjoni tal-elettriku u tas-sħana. Barra minn hekk il-mediċina, l-agrikoltura u l-esplorazzjoni tal-ispazju wkoll jinqdew bit-teknoloġiji nukleari. Minħabba d-distribuzzjoni wiesgħa ta' dawn it-teknoloġiji, u l-effetti qawwijin tar-radazzjoni f'każ ta' funzjonament ħażin, is-sikurezza hija rekwiżit kruċjali.
- 02** Is-sikurezza nukleari tirrappreżenta l-ksib ta' kundizzjonijiet operattivi adatti, il-prevenzjoni ta' aċċidenti u t-taffija tal-konsegwenzi tagħhom, li jirriżultaw fil-protezzjoni tal-ħaddiema, il-pubbliku u l-ambjent minn perikli tar-radazzjoni. Tħaddan is-sikurezza tal-installazzjonijiet nukleari, tal-iskart radjuattiv u tat-trasport ta' materjal radjuattiv.
- 03** Ir-responsabbiltà ewlenija għas-sikurezza nukleari hija f'idejn l-organizzazzjoni responsabbli mill-faċilitajiet u l-attivitajiet li jwasslu għal riskji mir-radazzjoni. Is-sorveljanza regolatorja tagħhom hija responsabbiltà nazzjonali. Madankollu, aċċidenti bħal dawk li seħħew f'Chornobyl fl-1986 u f'Fukushima fl-2011 awmentaw it-tħassib dwar is-sikurezza nukleari madwar id-dinja. Mhux biss ix-xita radjuattiva tagħhom infirxet mal-fruntieri tal-Istat — trasportata mir-riħ u mill-kurrenti tal-oċeani — iżda l-aċċidenti kellhom impatt ukoll fuq l-opinjoni pubblika u fuq il-gvernijiet, u għabbew il-komunità internazzjonali b'kostijiet sostanzjali ta' rimedju. Minħabba li għandha l-għan li tipprevieni perikli ambjentali fuq skala internazzjonali, is-sikurezza nukleari għandha l-karatteristiċi ta' [għid pubbliku](#) globali.

- 04** Storikament l-UE kienet u għadha promotur attiv tal-kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tas-sikurezza nukleari, fi ħdan il-fruntieri tagħha u lil hinn minnhom. Għotjiet mingħand l-Istrument għal Kooperazzjoni fil-qasam tas-Sikurezza Nukleari u self mingħand l-Euratom taw appoġġ lil firxa wiesgħa ta' azzjonijiet. Dawn ivarjaw minn edukazzjoni u taħriġ sal-għoti ta' għarfien espert u l-provvista ta' tagħmir, infrastruttura u xogħlijiet ta' rimedju relatati mas-sikurezza. L-utenti aħħarija tal-appoġġ mogħti mill-UE huma tipikament regolaturi nukleari f'pajjiżi sħab u operaturi ta' faċilitajiet nukleari jew siti antiki tal-produzzjoni tal-uranju. Għalkemm inqas milli f'perjodi preċedenti, ġew allokat i għotjiet b'valur ta' bejn wieħed u ieħor EUR 300 miljun għal dawn l-għamliet ta' kooperazzjoni f'kull wieħed mill-oqfsa finanzjarji pluriennali tal-perjodu 2014–2020 u tal-perjodu 2021–2027, minbarra self ta' EUR 300 miljun żborżat lill-Ukrajna bejn l-2017 u l-2021.
- 05** F'dan l-awditu eżaminajna jekk il-Kummissjoni, flimkien mas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna meta japplika, kinitx effettiva biex issaħħaħ is-sikurezza nukleari f'pajjiżi mhux tal-UE. B'mod aktar speċifiku, ivvalutajna l-fasla tal-qafas tal-UE għall-kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tas-sikurezza nukleari; l-allokkazzjoni tal-appoġġ finanzjarju mogħti mill-UE matul il-perjodu 2014–2024; l-outputs u r-riżultati miksuba mill-azzjonijiet ifffinanzjati mill-UE li kienu mmirati lejn it-titjib tas-sikurezza nukleari fl-Armenja, l-Iran, il-Kirgistan, it-Taġikistan, l-Ukrajna u l-Użbekistan; u l-monitoraġġ imwettaq mill-Kummissjoni.
- 06** Awditajna dan il-qasam minħabba l-importanza tas-sikurezza nukleari fil-kuntest ta' tħassib skattat minn aċċidenti tal-imgħoddi u, aktar reċentement, mill-gwerra ta' aggressjoni mir-Russja kontra l-Ukrajna. Lil dawk li jfasslu l-politika u lill-pubbliku ġenerali, ir-rapport jipprovdi lhom valutazzjoni indipendenti tal-effettività tal-kooperazzjoni internazzjonali tal-UE fil-qasam tas-sikurezza nukleari. Jidentifika xi nuqqasijiet u jipproponi rakkomandazzjonijiet għal titjib li jistgħu jikkontribwixxu għall-proċess leġiżlattiv li hemm għaddej fir-rigward ta' Strument ġdid għall-Kooperazzjoni fil-Qasam tas-Sikurezza Nukleari għall-perjodu 2028–2034. Aktar informazzjoni ġenerali u dettalji dwar l-ambitu u l-approċċ tal-awditjar jinsabu fl-[Anness I](#).

X'sibna u x'nirrakkomandaw

- 07** B'mod ġenerali, nikkonkludu li l-Kummissjoni għadha attur importanti fil-kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tas-sikurezza nukleari, billi għenet fit-twettiq ta' firxa kbira ta' azzjonijiet, għalkemm spiss aktar tard u xi drabi b'kost ogħla milli ppjanat inizjalment. Madankollu, l-effettività tagħha hija mfixkla min-nuqqas ta' strateġija komprensiva u aġġornata u minn nuqqasijiet fil-monitoraġġ tal-azzjonijiet iffinanzjati.
- 08** In-natura tar-riskji għas-sikurezza nukleari, li taqşam il-fruntieri, tistabbilixxi rilevanza ċara tal-kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tas-sikurezza nukleari u, għal għexieren ta' snin, l-UE kienet u għadha kontributor importanti għall-isforz biex tittejjeb is-sikurezza nukleari madwar id-dinja. Madankollu, il-Kummissjoni bħalissa ma għandhiex strateġija komprensiva li tiggwida l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet tagħha f'dan il-qasam. Id-dokumenti ta' programmazzjoni ta' bħalissa jiffukaw fuq l-Istrument għall-Kooperazzjoni fil-qasam tas-Sikurezza Nukleari, u ma jinkludux gwida strateġika għal għodod oħra li huma disponibbli għall-Kummissjoni, bħas-self tal-Euratom. Lanqas ma jstabbilixxu b'mod ċar l-għanijiet li l-Kummissjoni għandha l-għan li tilħaq f'xenarju nukleari li evolva bil-bosta maż-żmien u jinkludi diversi partijiet ikkonċernati oħra li jridu jwettqu objettivi ta' kooperazzjoni simili (il-paragrafi [12–24](#)).



Rakkomandazzjoni 1

Jissaħħaħ il-qafas strateġiku tal-Kummissjoni għall-kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tas-sikurezza nukleari

Jenħtieġ li l-Kummissjoni ssaħħaħ il-qafas strateġiku tagħha għall-kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tas-sikurezza nukleari billi tiżviluppa strateġija aġġornata u komprensiva biex tiggwida l-azzjonijiet ta' kooperazzjoni tagħha. Jenħtieġ li strateġija ta' dan it-tip tidentifika l-oqsma tal-akbar valur miżjud tal-azzjoni meħuda mill-UE, filwaqt li tqis inizjattivi meħuda minn partijiet ikkonċernati rilevanti oħra. Jenħtieġ ukoll li tidentifika x'għanijiet biħsiebha tilħaq il-Kummissjoni (inklużi miri ewlenin kwantifikabbli meta jkun possibbli), liema għodod qed tippjana li tuża, liema partijiet ikkonċernati jenħtieġ li jkunu involuti u kif jenħtieġ li jikkordinaw.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: tmiem l-2028

09 Sibna li l-proċess tal-Kummissjoni biex tagħżel azzjonijiet x'tiffinanzja mill-Istrument għall-Kooperazzjoni fil-qasam tas-Sikurezza Nukleari tagħha kellu bażi tajba b'mod ġenerali billi wieġeb għal itgħijiet ta' sikurezza nukleari ddefiniti sew u bbenefika minn għarfien espert nukleari rilevanti. Madankollu, innutajna n-nuqqas ta' punteġġ u klassifikazzjoni, skont kriterji predefiniti, tal-proposti ta' kooperazzjoni li waslu mingħand pajjiżi sħab. Dan ifixkel il-possibbiltà ta' tqabbil sinifikanti bejniethom u, konsegwentement, tal-aċċertament li l-finanzjament mogħti mill-UE ġie allokat fejn jista' jagħti l-ogħla valur miżjud. Fil-każ ta' faċilitajiet nukleari li jiġġeneraw id-dħul, innutajna wkoll li ma kienx hemm valutazzjoni ta' kemm il-benefiċjarju kien kapaċi jiffinanzja lilu nnifsu (il-paragrafi 25–33).



Rakkomandazzjoni 2

Jissaħħaħ il-proċess għall-għażla ta' azzjonijiet iffinanzjati mill-UE li jappoġġaw is-sikurezza nukleari

Jenħtieġ li l-Kummissjoni:

- (a) tirrinforza l-għażla ta' proposti ta' kooperazzjoni, filwaqt li tibbażaha fuq kriterji rilevanti predefiniti, bħal: l-urġenza u l-kobor tar-riskju għas-sikurezza nukleari li l-proposti jindirizzaw, il-valur miżjud tal-azzjoni meħuda mill-UE, il-maturità tal-azzjoni proposta, is-sostenibbiltà probabbli tar-riżultati mistennija, u l-kuntest ġeopolitiku li fih għandu jiġi pprovdut l-appoġġ. Jenħtieġ li dan il-proċess ikun iddokumentat b'mod xieraq;
- (b) meta l-azzjonijiet jikkonċernaw faċilitajiet nukleari li jiġġeneraw id-dħul bħal impjanti tal-enerġija, tivvaluta kemm il-benefiċjarju huwa kapaċi jiffinanzja l-programmi ta' sikurezza tiegħu stess u tqis jekk il-finanzjament permezz ta' self ikunx alternattiva adatta.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: tmiem l-2027

10 Matul is-snin, l-appoġġ mill-UE kkontribwixxa għat-twettiq ta' azzjonijiet diversi u xi drabi kumplessi. Dawn jinkludu kisbiet sinifikanti fir-rimedju tal-eks impjant tal-enerġija nukleari ta' Chornobyl fl-Ukrajna u ta' diversi siti antiki tal-estrazzjoni tal-uranju fl-Asja Ċentrali. Madankollu, id-dewmien kien karatteristika regolari tal-azzjonijiet li rrieżaminajna, flimkien ma' kostijiet ogħla minn dawk antiċipati, speċjalment f'xogħlijiet ta' kostruzzjoni jew ta' rimedju fuq skala kbira. Filwaqt li kostijiet ogħla jistgħu jkunu parzjalment marbuta mal-kumplessità u n-natura tal-ewwel tip ta' xi wħud minn dawn l-azzjonijiet, innutajna wkoll lakuni persistenti fil-finanzjament u n-nuqqas ta' inċentivi għall-prestazzjoni bħala fatturi kontribwenti. F'xi każijiet, is-sostenibbiltà għal żmien twil ta' dawn l-azzjonijiet tinsab f'riskju (il-paragrafi 34–49).



Rakkomandazzjoni 3

Jittaffa r-riskju ta' dewmien u kostijiet akbar milli ppjanat fl-azzjonijiet ta' kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tas-sikurezza nukleari

Jenħtieġ li l-Kummissjoni tistabbilixxi, mill-bidu nett, kundizzjonijiet ta' taffija biex timminimizza d-dewmien u l-kostijiet akbar milli ppjanat matul l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-Kummissjoni tara li żgur:

- (a) il-kostijiet, inkluż kwalunkwe kost ta' ġestjoni, jiġu stmati bil-quddiem (eż. permezz ta' studji tal-fattibbiltà bbażati fuq l-informazzjoni l-aktar preċiża li tkun disponibbli);
- (b) f'dak li għandu x'jaqsam ma' mekkaniżmi ta' finanzjament b'diversi donaturi, tiegħu inkonsiderazzjoni, fost oħrajn, il-kostijiet stmati u d-disponibbiltà ta' biżżejjed wegħdiet sodi mingħand donaturi oħra qabel ma tiddeċiedi tiffinanzjax l-azzjoni;
- (c) l-arranġamenti kuntrattwali mas-sħab ewlenin inkarigati mill-implimentazzjoni taħt il-mod ta' ġestjoni indiretta jinkludu inċentivi għall-prestazzjoni li jippromwovu t-twassil tal-outputs fil-ħin u skont il-baġit.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: tmiem l-2027

- 11** F'diversi aspetti, il-Kummissjoni kienet u għadha mhijiex timmonitorja biżżejjed l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet tagħha. Dan huwa partikolarment il-każ fir-rigward tal-EUR 300 miljun mislufa għall-finanzjament ta' programm ta' titjib fil-kwalità tas-sikurezza fuq skala kbira mwettaq mill-operatur tal-impjanti tal-enerġija nukleari fl-Ukrajna. Il-Kummissjoni żborżat is-selva mingħajr ma kellha aċċertament li l-fondi jkunu jiffinanzjaw esklużivament spejjeż relatati mal-programm li ġġarrbu u tħallsu mill-mutwatarju, u mingħajr ma approvat formalment id-diversi modifiki li saru fil-programm matul is-snin. Fir-rigward tal-Istrument għall-Kooperazzjoni fil-qasam tas-Sikurezza Nukleari, għalkemm il-Kummissjoni timmonitorja l-implimentazzjoni mill-qrib, innutajna nuqqasijiet fir-rigward tal-monitoraġġ li wettqet dwar l-użu ta' outputs ifffinanzjati mill-UE u dwar titjib reali fis-sikurezza nukleari (il-paragrafi 50–57).



Rakkomandazzjoni 4

Jittejjeb il-monitoraġġ tal-azzjonijiet iffinanzjati mill-UE dwar is-sikurezza nukleari

Jenħtieġ li l-Kummissjoni ttejjeb il-monitoraġġ li twettaq ta' azzjonijiet futuri b'rabta mas-sikurezza nukleari li jkunu ffinanzjati mill-UE:

- (a) billi tiġbor informazzjoni dwar l-użu reali tal-outputs rispettivi wara t-tlestija tal-azzjoni, u billi tikkomplementa din l-informazzjoni, meta meħtieġ, permezz ta' żjarat fuq il-post;
- (b) fil-każ ta' self tal-Euratom, billi tirrinforza l-mekkaniżmu ta' monitoraġġ bil-għan li tara li l-mutwatarju żgur jikkonforma mal-obbligi ewlenin ta' ġestjoni finanzjarja tajba;
- (c) fil-każ ta' għotjiet mingħand l-Istrument għall-Kooperazzjoni fil-qasam tas-Sikurezza Nukleari, billi ssaħħaħ l-oqfsa loġiċi permezz tal-inklużjoni sistematika ta' indikaturi tal-eżitu li jallinjaw mal-oġġettivi tal-azzjoni u jaqdbu l-effetti li l-azzjonijiet ikollhom fuq is-sikurezza nukleari.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: tmiem l-2028

Ħarsa aktar mill-qrib lejn l-osservazzjonijiet tagħna

Il-kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tas-sikurezza nukleari hija rilevanti, iżda l-Kummissjoni ma għandhiex approċċ strateġiku li huwa komprensiv u aġġornat

- 12** F'din it-taqsim, neżaminaw jekk il-Kummissjoni għandhiex qafas komprensiv li jiggwida l-intervent tagħha fl-ambitu tal-kooperazzjoni Internazzjonali fil-qasam tas-sikurezza nukleari.

Il-kooperazzjoni internazzjonali fis-sikurezza nukleari hija rilevanti fid-dawl tan-natura tar-riskji nukleari li taqsam il-fruntieri

13 Ir-responsabbiltà ewlenija għas-sikurezza nukleari hija f'idejn il-persuna jew l-organizzazzjoni responsabbli mill-faċilitajiet u l-attivitajiet li jwasslu għal riskji mir-radjazzjoni. Ir-regolamentazzjoni tas-sikurezza nukleari u tas-sikurezza kontra r-radjazzjoni hija responsabbiltà nazzjonali¹. Madankollu, aċċidenti bħal dawk li seħħew f'Chornobyl fl-1986 u f'Fukushima fl-2011 awmentaw it-tħassib dwar is-sikurezza nukleari madwar id-dinja. Mhux biss ix-xita radjuattiva tagħhom infirxet mal-fruntieri tal-Istat — trasportata mir-riħ u mill-kurrenti tal-oċeani — iżda l-aċċidenti laqtu wkoll l-opinjoni pubblika u l-gvernijiet. B'mod partikolari fil-każ ta' Chornobyl, l-aċċident għabba wkoll l-komunità internazzjonali b'kostijiet sostanzjali ta' rimedju. Għalhekk is-sikurezza nukleari mhijjex biss tħassib nazzjonali, iżda tħassib internazzjonali, li jistabbilixxi fis-sod ir-rilevanza tal-kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tas-sikurezza nukleari.

14 Dan huwa partikolarment rilevanti għall-UE, billi għandha għadd sinifikanti ta' impjanti tal-enerġija nukleari li joperaw ġewwa l-fruntieri tagħha kif ukoll fil-viċinanza immedjata tagħha — b'mod partikolari fil-Belarużja, fir-Russja, fl-Iżvizzera, fl-Ukrajna, u fir-Renju Unit (ara l-[Anness I](#)). Barra minn hekk, fil-kuntest tal-politika tat-tkabbir tagħha, l-UE għandha wkoll l-għan li tippromwovi l-allinjament tal-liġijiet u r-regolamenti tal-pajjiżi kandidati mad-dritt tal-UE u tal-Euratom (l-[“acquis”](#)) fil-qasam tas-sikurezza nukleari.

Il-Kummissjoni ma għandhiex strateġija aġġornata u komprensiva li tiggwida l-intervent tagħha

15 L-azzjoni tal-UE fil-qasam tas-sikurezza nukleari hija bbażata fuq it-[Trattat Euratom](#). Fost affarijiet oħra, it-[Trattat](#) jagħti mandat lill-Euratom biex toħloq il-kundizzjonijiet meħtieġa għall-istabbiliment u t-tkabbir rapidi tal-industriji nukleari, tistabbilixxi standards uniformi tas-sikurezza kif ukoll relazzjonijiet ma' pajjiżi u organizzazzjonijiet internazzjonali oħra li għandhom l-għan li jrawmu l-progress fl-użi paċifiki tal-enerġija nukleari. Dan jagħti lill-Kummissjoni, li hija responsabbli mill-implimentazzjoni tat-[Trattat](#), firxa wiesgħa ta' azzjoni fil-qasam tal-enerġija nukleari, ġewwa u barra mit-territorju tal-UE.

¹ L-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika, [“Fundamental Safety Principles, Safety Fundamentals No SF-1”](#).

Għodod ta' intervent differenti, immaniġġjati separatament

16 Biex tappoġġa s-sikurezza nukleari internazzjonali, il-Kummissjoni kienet u għadha tuża żewġ għodod ta' finanzjament prinċipali, immaniġġjati minn żewġ servizzi separati.

- Għotjiet ifffinanzjati mill-baġit tal-UE b'appoġġ għall-partijiet ikkonċernati nukleari f'pajjiżi mhux tal-UE: din il-għamla ta' appoġġ ilha fis-seħħ mill-1992 u bħalissa tissejjaħ “[Strument Ewropew għall-Kooperazzjoni Internazzjonali fil-qasam tas-Sikurezza Nukleari](#)” (INSC), li huwa mmaniġġjat mid-Direttorat Ġenerali għas-Sħubijiet Internazzjonali (DG INTPA). Inġhata allokkazzjoni ta' EUR 300 miljun għall-perjodu 2021–2027 (ara wkoll l-[Anness I](#)).
- Self tal-Euratom għall-finanzjament ta' proġetti ta' sikurezza u effiċjenza fl-impjanti tal-enerġija nukleari: oriġinarjament maħluqa fl-1977 b'appoġġ għal proġetti fi ħdan l-Euratom, din l-għodda ilha mill-1994 disponibbli għal għażla ta' pajjiżi mhux tal-UE (bħalissa l-Armenja, ir-Russja u l-Ukrajna, wara l-istadji varji tat-tkabbir tal-UE). Din l-għodda bħalissa hija attiva fil-każ ta' selfa ta' EUR 300 miljun lill-Ukrajna, immaniġġjata mid-Direttorat Ġenerali għall-Baġit tal-Kummissjoni.

17 Jikkoinċidu parzjalment l-għanijiet taż-żewġ għodod li jintużaw mill-Kummissjoni, immirati lejn it-titjib tas-sikurezza tal-faċilitajiet nukleari. Iżda jvarjaw minn xulxin ukoll bil-bosta, billi s-self lill-operaturi tal-impjanti tal-enerġija jista' jappoġġa wkoll l-effiċjenza tagħhom — u konsegwentement il-produttività u l-kompetittività tagħhom. Dan huwa eżitu li huwa barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-INSC u tabilħaqq il-verżjonijiet varji tiegħu jillimitaw b'mod espliċitu l-appoġġ li jingħata lill-operaturi: għall-perjodu 2014–2020, ir-[Regolament](#) eskluda l-forniment ta' tagħmir; għall-perjodu 2021–2027, ir-[Regolament](#) illimita għal każijiet eċċezzjonali l-appoġġ li jingħata għall-operaturi, strettament marbuta mal-implimentazzjoni tat-[testijiet tal-istress](#) ta' wara Fukushima u r-rakkomandazzjonijiet konsegwenti possibbli. Fl-Armenja osservajna nuqqas ta' approċċ komprensiv u koerenti mill-Kummissjoni fl-użu tal-istrumenti disponibbli (ara l-[Kaxxa 1](#)).

Kaxxa 1

Nuqqas ta' approċċ komprensiv u koerenti b'apport għal impjant tal-enerġija nukleari

L-impjant tal-enerġija nukleari Armen beda jopera fl-1976 u ġie estiż biex topera unità separata oħra — it-tieni waħda — fl-1980. It-tnejn li huma ngħalqu fl-1989 wara terremot li kien seħħ is-sena ta' qabel, bi prekawzjoni f'każ ta' għajriet siżmiċi simili fil-ġejjieni. Minħabba nuqqas ta' alternattivi għall-provvista tal-enerġija, l-unità 2 inbriet mill-ġdid u reġgħet bdiet fl-1995. Issa li għandu madwar 45 sena, ir-reattur għadu jipprovdi sa 35 % tal-elettriku li jiġi ġġenerat fil-pajjiż kull sena.

L-UE ilha mill-1996 tagħti appoġġ kontinwu għall-impjant tal-enerġija, prinċipalment permezz tal-forniment ta' għarfien espert u tagħmir relatati mat-titjib fil-kwalità tas-sikurezza. Madankollu, il-fasla qadima u t-tixjiħ tar-reattur tat-tip Sovjetiku wasslu lill-Kummissjoni biex tikkonkludi, diġà fl-2008, li ma setgħetx tittejjiblu l-kwalità biex jilħaq bis-sħiħ l-istandards internazzjonali tas-sikurezza, u li għandha tfitteż l-għeluq u d-dekummissjonar tiegħu mill-aktar fis possibbli, filwaqt li għarfet il-ħtieġa li tkompli tiffinanzja l-miżuri l-aktar urġenti ta' titjib li jkopru żmien qasir².

Madankollu, ninnutaw li ma hemmx approċċ komprensiv għad-dekummissjonar tal-impjant tal-enerġija nukleari. Minkejja li fl-aħħar mill-aħħar xorta fittxet l-għeluq, matul il-perjodu 2014–2024, il-Kummissjoni allokat aktar minn EUR 15-il miljun lill-impjant tal-enerġija jew lill-awtorità regolatorja fil-kuntest ta' titjib ulterjuri fil-kwalità tas-sikurezza u saħansitra l-estensjonijiet ripetuti tal-ħajja tal-unità 2 — l-aktar reċentement sal-2031. Fil-fatt, dan ikkontradixxa l-oġettiv iddikjarat tal-Kummissjoni li tagħlaq dik l-unità, anke jekk dan l-għan jiddependi mid-deċiżjoni sovrana tal-Armenja. F'xi każijiet, aġixxiet lil hinn mil-limitazzjonijiet stabbiliti fir-Regolament dwar l-INSC li kien fis-seħħ dak iż-żmien — eż. permezz tal-forniment *de facto* ta' tagħmir lill-impjant tal-enerġija. Dan kien partikolarment il-każ fir-rigward tal-ġeneraturi mobbli li jaħdmu bid-diżil, li għalkemm formalment kienu kkuntrattati mill-Awtorità Regolatorja Nukleari Armena u taħt is-sjieda tagħha, fil-fatt tfasslu u ġew installati speċifikament biex isostnu s-sistemi ta' sikurezza tal-impjant tal-enerġija f'każ ta' ċerti inċidenti tas-sikurezza nukleari. Għalkemm l-Armenja hija eliġibbli għal self tal-Euratom, li min-naħa tiegħu jippermettilha tiffinanzja x-xiri ta' tagħmir mill-operaturi tal-impjanti tal-enerġija nukleari, sal-ġurnata tal-lum din l-għodda ma ntużatx għal dan il-għan.

² Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni "Li tindirizza l-isfida internazzjonali tas-sikurezza u s-sigurtà nukleari", KUMM (2008)312.

Stampa 1: Impjant tal-enerġija nukleari Armen



Sors: I-impjant tal-enerġija nukleari Armen.

Stampa 2: Tagħmir ifffinanzjat mill-UE — Ġeneraturi mobbli li jaħdmu bid-diżil f'każ ta' emerġenza għall-impjant tal-enerġija nukleari Armen



Sors: I-impjant tal-enerġija nukleari Armen.

18 It-tielet għodda ta' finanzjament disponibbli għall-Kummissjoni hija l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali — Ewropa Globali, strument ta' EUR 79.5 biljun immaniġġjat b'mod konġunt minn diversi servizzi tal-Kummissjoni li, għall-perjodu 2021–2027, jgħaqqad diversi strumenti ta' azzjoni esterna li f'perjodi baġitarji preċedenti kienu separati. Sal-ġurnata tal-lum, intuża biex jifinanzja miżuri ta' sigurtà primarjament taħt il-programm tematiku tiegħu dwar il-Paċi, Stabbiltà u Prevenzjoni ta' Kunflitti, filwaqt li l-ambitu tiegħu jinkludi ċerti attivitajiet ta' sikurezza nukleari (xi wħud minnhom simili għal dawk tal-INSC, notevolment l-edukazzjoni, it-taħriġ u s-salvagwardji).

Inizjattivi ta' kooperazzjoni konkorrenti mingħand atturi internazzjonali ewlenin

- 19** L-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika (IAEA) tan-Nazzjonijiet Uniti nħolqot fl-1957, u fl-2025 kienet tinkludi 180 Stat Membru (inklużi s-27 Stat Membru kollha tal-UE). L-[istatut](#) tagħha jkopri firxa wiesgħa ta' attivitajiet immirati lejn l-għoti ta' appoġġ għall-użu sikur u paċifiku tal-enerġija nukleari. Dawn jinkludu: li tiskambja informazzjoni xjentifika u teknika, tħarreġ lix-xjenzati u lill-esperti, tistabbilixxi u tamministra salvagwardji għall-materjali nukleari, kif ukoll tadotta standards ta' sikurezza u tipromwovi l-applikazzjoni tagħhom fuq talbet l-Istati Membri. Dawn l-attivitajiet jaqblu ma' u jestendu lil hinn minn dawk koperti mill-INSC. L-IAEA rċeviet ukoll mandati speċifiċi ewlenin, b'mod partikolari permezz tat-[Trattat dwar in-Nonproliferazzjoni tal-Armi Nukleari](#), li fdawha b'responsabbiltajiet ta' verifikazzjoni ta' salvagwardja, kif ukoll permezz ta' diversi konvenzjonijiet relatati mas-sikurezza³, li fil-qafas tagħhom l-Istati firmatarji jaqsmu informazzjoni dwar is-sikurezza bejniethom, mal-Kummissjoni, u mal-IAEA.
- 20** Biex timplimenta l-attivitajiet tagħha, l-IAEA għandha riżorsi li huma ferm aktar minn dawk tal-INSC tal-UE. Minn [baġit](#) totali ta' xi EUR 757 miljun għall-2025, l-IAEA allokat EUR 43 miljun għas-sikurezza u s-sigurtà nukleari (taħt il-baġit regolari tagħha) u xi EUR 128 miljun għall-[programm ta' kooperazzjoni teknika](#) tagħha. Dan il-programm huwa l-mekkaniżmu primarju tal-IAEA għat-trasferiment tat-teknoloġija nukleari lill-Istati Membri tagħha, inkluża assistenza għat-titjib tas-sikurezza tar-rad jazzjoni u s-sigurtà nukleari dinjija. Joffri firxa vasta ta' servizzi ta' evalwazzjoni bejn il-pari u ta' konsulenza lill-Istati Membri fuq bażi volontarja. L-INSC tal-UE kkontribwixxa għall-baġit tal-IAEA matul il-perjodu 2014–2024 permezz ta' xi EUR 30 miljun, jew xi 7 % tal-allokkazzjonijiet totali taħt l-INSC matul dak il-perjodu.

³ [Il-Konvenzjoni dwar is-Sigurtà Nukleari u l-Konvenzjoni Konġunta dwar is-Sigurtà tal-Maniġġar ta' Karburant Użat u dwar is-Sigurtà tal-Maniġġar ta' Skart Radjuattiv.](#)

- 21** Minbarra l-programm ta' kooperazzjoni teknika tal-IAEA, inizjattivi oħra b'objettivi simili jeżistu wkoll flimkien mal-INSC tal-UE. Fost l-oħrajn, diversi Stati Membri tal-UE bilateralment, il-[Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp \(BERŻ\)](#), l-[Istati Uniti, in-Norveġja](#), u r-Russja sponsorjaw ukoll inizjattivi ta' sikurezza nukleari li jirrigwardaw jew li jfittxu li jwettqu l-istess objettivi bħal dawk ta' azzjonijiet iffinanzjati mill-INSC. F'Ġunju 2025, il-[Bank Dinji](#) wkoll ħabbar l-intenzjoni tiegħu li jappoġġa l-użu sikur, sigur u responsabbli tal-enerġija nukleari fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw.
- 22** Il-fatt li hija timmaniġġja l-istrument speċifiku tagħha stess jippermetti lill-Kummissjoni tkun indipendenti u flessibbli meta tagħżel il-prijoritajiet tagħha. Madankollu, is-similaritajiet qawwija bejn l-objettivi speċifiċi tal-INSC u xi wħud mill-inizjattivi ta' partijiet ikkonċernati rilevanti oħra jfissru li l-Kummissjoni kienet tkun tibbenefika minn valutazzjoni fil-livell strateġiku ta' oqsma fejn l-intervent tal-UE jista' jkollu l-akbar impatt b'kont meħud ta' dawk l-inizjattivi. Ir-riskju ta' trikkib fir-rigward ta' attivitajiet bl-istess objettivi huwa tħassib li l-Kunsill ilu jqajjem mill-2008⁴ u huwa ddikjarat b'mod espliċitu fl-Artikolu 6 tar-[Regolament INSC](#). Jitqajjem ukoll b'mod regolari minn Stati Membri individwali fil-laqgħat annwali tal-Kumitat INSC u mill-Kummissjoni nnifisha fid-dokumenti ta' azzjoni tagħha dwar l-INSC. Minkejja objettivi li jirkbu fuq xulxin, ma sibna l-ebda każ ta' finanzjament doppju (jiġifieri li l-istess attività tiġi ffinanzjata darbtejn) ġewwa l-kuntratti li ttieħdu bħala kampjun. Laqgħat regolari bejn il-Kummissjoni u l-IAEA, fil-qafas tal-memorandum ta' qbil tagħhom, u l-istabbiliment ta' pjattaformi ta' kooperazzjoni tad-donaturi fil-livell tal-pajjiżi jew f'dak reġjonali (eż. l-Armenja, l-Asja Ċentrali, l-Ukrajna) għenu biex jittaffa r-riskju ta' finanzjament doppju.

Lakuni fid-dokumenti ta' strateġija preċedenti

- 23** Il-komunikazzjoni tal-2008 "[Li tindirizza l-isfida internazzjonali tas-sikurezza u s-sigurtà nukleari](#)", kif ukoll l-istrateġija tal-2014 u l-[programm indikattiv pluriennali tal-2021](#), ilkoll adottati mill-Kummissjoni, fihom elementi li jipprovdu perspettiva għal żmien itwal biex ikun hemm kooperazzjoni fil-qasam tas-sikurezza nukleari. Madankollu, huma parzjalment skaduti jew huma ffukati biss fuq l-INSC u ma jipproponux approċċ olistiku għall-kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tas-sikurezza nukleari li jħaddan l-istrumenti kollha li huma disponibbli għall-Kummissjoni. Fil-każ tal-istrateġija tal-2014 u l-programm tal-2021, ninnutaw ukoll li ma ssirx biżżejjed identifikazzjoni, abbażi ta' valutazzjoni tal-ħtiġijiet tas-sikurezza, ta' dawk l-oqsma fejn l-intervent tal-UE għandu l-akbar potenzjal li jżid il-valur ma' inizjattivi nazzjonali jew internazzjonali oħra li jkunu għadhom għaddejnin.

⁴ Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar assistenza lil pajjiżi terzi fil-qasam tas-sikurezza u s-sigurtà nukleari, Diċembru 2008.

24 Għalhekk, ninnutaw in-nuqqas ta' strateġija aġġornata u komprensiva għall-kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tas-sikurezza nukleari. Dan il-qafas strateġiku, filwaqt li huwa ankrat fil-mandat mogħti mit-Trattat Euratom, ikun iservi ta' referenza ulterjuri dwar il-valur miżjud tal-azzjoni meħuda mill-UE, x'għanijiet biħsiebha tilħaq il-Kummissjoni, liema għodod tippjana li tuża, liema partijiet ikkonċernati jenħtieġ li jkunu involuti u kif jenħtieġ li jikkoordinaw. In-nuqqas ta' strateġija bħal din, jew waħedha jew inkella integrata għewwa strateġija usa' ta' kooperazzjoni nukleari, huwa sinifikanti fid-dawl ta' xenarju tas-sikurezza nukleari li qed jevolvi (ara l-[Annex I](#)), id-disponibbiltà ta' għodod ta' intervent differenti, u l-inizjattivi ta' kooperazzjoni konkorrenti mingħand atturi internazzjonali oħra. Inaqqas iċ-ċarezza dwar dak li l-UE qed tipprova tikseb u jfixkel il-possibbiltà ta' implimentazzjoni kkoordinata tal-istrumenti kollha disponibbli.

B'mod ġenerali, l-għażla tal-azzjonijiet hija bbażata fuq ħtiġijiet ta' sikurezza nukleari ddefiniti sew, iżda ma għandhiex prijoritizzazzjoni robusta


25 F'din it-taqsim, neżaminaw il-proċess li bih il-Kummissjoni għażlet azzjonijiet li kellhom jiġu ffinanzjati mill-INSC, biex niddeterminaw jekk dan sarx bir-reqqa u jekk irriżultax fl-għażla tal-proposti ta' azzjoni l-aktar rilevanti.

Il-Kummissjoni stabbiliet proċess tal-għażla b'sisien sodi abbażi ta' ħtiġijiet speċifiċi ta' sikurezza nukleari

26 Fil-każ tal-INSC, l-azzjonijiet li għandhom jiġu ffinanzjati huma deskritti fi pjan ta' azzjoni annwali, adottat formalment permezz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni ddedikata tal-Kummissjoni⁵. L-adozzjoni, bħal fi strumenti oħra ta' kooperazzjoni internazzjonali mmaniġġjati mill-Kummissjoni, hija l-qofol ta' proċess b'diversi passi (il-[Figura 1](#)).

⁵ L-Artikolu 7 tar-[Regolament tal-Kunsill \(Euratom\) 2021/948](#) li jistabbilixxi Strument Ewropew għal Kooperazzjoni Internazzjonali fil-qasam tas-Sikurezza Nukleari (ir-Regolament dwar l-INSC tal-2021).

Figura 1 | Passi ewlenin fl-adozzjoni tal-pjan ta' azzjoni annwali



Sors: il-QEA, abbażi tar-regolamenti dwar l-INSC u l-proċeduri tad-DĠ INTPA.

- 27** Skont ir-regolamenti dwar l-INSC fis-seħħ⁶, tħejjew programmi indikattivi pluriennali mis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE), b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni u adottati formalment minnha — jiġifieri fl-2014, fl-2017 u fl-2021. Abbażi ta' dawn il-programmi, iżda wkoll tal-ġbir kontinwu ta' informazzjoni mingħand diversi partijiet ikkonċernati, il-Kummissjoni fasslet pjanijiet ta' azzjoni li, fuq bażi annwali, kienu suġġetti għal proċedura formali ta' rieżaminar u adożzjoni.
- 28** Il-proċess ġenerali għaqqad talbiet minn pajjiżi msieħba ma' għarfien espert tekniku li kien disponibbli fi f'dan il-Kummissjoni (b'mod partikolari permezz ta' [Ċentru Konġunt tar-Riċerka](#) tagħha u d-Direttorat Ġenerali għall-Enerġija, flimkien mad-DĠ INTPA), kif ukoll mingħand sorsi esterni (b'mod partikolari permezz ta' rappreżentanti minn Stati Membri individwali tal-UE). Ibbenefika wkoll minn kontribut ġeopolitiku mingħand is-SEAE u minn konsultazzjonijiet ma' servizzi oħra tal-Kummissjoni. B'mod ġenerali, il-proċess implimentat mill-Kummissjoni pprovda sisien sodi biex jintgħażlu azzjonijiet rilevanti li kienu jindirizzaw ħtiġijiet speċifiċi ta' sikurezza nukleari f'pajjiżi sħab. Minkejja din il-valutazzjoni pożittiva, sibna għadd ta' nuqqasijiet, deskritti fil-paragrafi [29–33](#) hawn taħt.

L-għażla tal-azzjonijiet ma għandhiex punteġġ u klassifikazzjoni skont kriterji predefiniti, u b'hekk titnaqqas it-trasparenza tagħha

- 29** Minkejja r-reqqa ġenerali tal-proċess tal-għażla tal-azzjoni, innutajna li ma kienx hemm biżżejjed rigorożità fl-istadji inizjali tal-proċess, sal-prijoritizzazzjoni inizjali u l-ewwel abbozz ta' pjanijiet ta' azzjoni (ara l-[Figura 1](#)). B'mod partikolari, innutajna li l-proposti ta' azzjoni ma ngħatawx punteġġ u klassifikazzjoni formali skont kriterji predefiniti, bil-għan li jiġi garantit li l-finanzjament mill-UE jitwassal lil azzjonijiet maturi bl-ogħla valur miżjud. Filwaqt li r-rieżamijiet li d-DĠ INTPA wettaq kienu jinkludu diversi fatturi rilevanti — pereżempju, l-urġenza, il-maturità, jew il-komplementarjetà — din l-analiżi ma ġietx dokumentata b'mod sistematiku b'mod li jkun jippermetti t-tweqqif ta' tqabbil sinifikanti u trasparenti bejn proposti ta' azzjoni differenti.

⁶ L-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 237/2014 li jstabbilixxi Strument għall-Kooperazzjoni fis-Sikurezza Nukleari (ir-Regolament dwar l-INSC tal-2014); l-Artikolu 17 tar-Regolament dwar l-INSC tal-2021; l-Artikolu 9 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/427/UE li tistabbilixxi l-organizzazzjoni u l-funzjonament tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna.

30 Il-kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tas-sikurezza nukleari hija parti minn sforz usa' biex jiġu rispettati u promossi l-valuri u l-interessi tal-UE madwar id-dinja⁷, bl-implikazzjoni li diversi kunsiderazzjonijiet ġeopolitiċi jaf jolqtu wkoll il-ħtieġa ta' azzjoni mill-INSC u l-eżiti ta' azzjonijiet iffinanzjati mill-INSC. Madankollu, in-nuqqas ta' ponderazzjoni formali tal-kriterji tal-għażla differenti jżid id-diskrezzjoni mad-deċiżjonijiet tal-għażla meħudin mill-Kummissjoni u jnaqqas it-trasparenza tagħhom. F'xi okkażjonijiet — b'mod partikolari fir-rigward tal-Asja Ċentrali u l-Iran — l-evidenza li għarna tindika li l-azzjonijiet meħuda mill-INSC li awditjajna kienu xprunati primarjament minn dawn il-kunsiderazzjonijiet ġeopolitiċi, aktar milli minn riskju għas-sikurezza nukleari meqjus sinifikanti biżżejjed biex jiġġustifika l-għażla tagħhom minflok proposti rivali fil-viċinat Ewropew.

Mill-bidu nett, xi azzjonijiet kienu milquta minn nuqqasijiet fil-maturità jew minn dimostrazzjoni insuffiċjenti tal-ħtieġa għal finanzjament mill-UE

31 F'xi każijiet, innutajna li xi azzjonijiet tal-INSC li awditjajna ntgħażlu u tnedew minkejja sfidi u nuqqasijiet fil-maturità magħrufa mill-bidu nett.

(a) L-azzjonijiet immirati lejn it-titjib tas-sikurezza u s-salvagwardji nukleari fl-Iran kienu bbażati fuq il-[Pjan ta' Azzjoni Komprensiv Konġunt \(PAKK\)](#) tal-2015, b'[approvazzjoni](#) mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU. Bl-irtirar tal-Istati Uniti minn dan il-ftehim fl-2018, aggravat min-nuqqas ta' konformità gradwali tal-Iran mal-impenji tiegħu taħt il-PAKK mill-2019 'il quddiem, intlaqtu l-kundizzjonijiet kruċjali għat-tlestija b'suċċess tal-azzjonijiet meħuda mill-UE fil-qasam tal-INSC. F'dan ir-rigward, innutajna diversi twissijiet maħruġa mill-IAEA dwar il-kapaċità tagħha li tipprova aċċertament dwar in-natura esklużivament paċifika tal-programm nukleari tal-Iran⁸. B'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2019 u tal-2022, il-Kummissjoni baqgħet iżżomm l-impenn tal-UE lejn il-PAKK. Nediet kuntratti ġodda tal-INSC f'Diċembru 2021 u f'Novembru 2023, b'valur ikkombinat ta' EUR 11.6-il miljun. Madankollu, dawn ħadu żmien twil biex jiġu konklużi (16-il xahar u 53 xahar rispettivament, wara d-deċiżjonijiet ta' finanzjament tal-Kummissjoni) u kienu wkoll, mill-bidu nett, milquta minn restrizzjonijiet serji ta' implimentazzjoni. Dawn ir-restrizzjonijiet kienu jirrigwardaw l-ivvjaġġar ta' uffiċjali tal-UE u tal-Iran, u diffikultajiet fit-twassil tat-tagħmir minħabba li s-sanzjonijiet ġew imposti mill-ġdid wara l-irtirar tal-Istati Uniti. Fil-fatt dan naqqas bil-kbir ir-ritmu tal-implimentazzjoni tal-azzjonijiet.

⁷ Il-Premessa 1 tar-[Regolament dwar l-INSC tal-2021](#).

⁸ Id-dikjarazzjoni tal-IAEA għall-[2021](#) u l-[2022](#) dwar salvagwardji.

- (b) Fir-rigward tar-rimedju tas-siti antiki tal-estrazzjoni tal-uranju fl-Asja Ċentrali, il-kontribuzzjoni inizjali mill-Kummissjoni fl-2015 f'ammont ta' EUR 16.45-il miljun saret fin-nuqqas ta' studji tal-fattibbiltà (li saru disponibbli biss fi stadju aktar tard), referenzi preċiżi fir-rigward tal-perjodu ġenerali u l-kost tal-attivitajiet ta' rimedju li l-Kummissjoni kellha l-ħsieb li tappoġġa, jew kwalunkwe wegħda mingħand donaturi internazzjonali għajr l-UE. Dan eventwalment ikkontribwixxa għal dewmien fl-implimentazzjoni.
- (c) Fl-Armenja, l-azzjonijiet tal-Kummissjoni nqadew b'mod estensiv b'“kuntratti bbażati fuq tariffi”, billi tqabbd u esperti li mbagħad tqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-utenti aħħarija, fil-biċċa l-kbira mill-każijiet mingħajr ma ddefinew bil-quddiem l-eżiti eżatti mistennija. Minflok, dawn ġew iddefiniti fil-bidu tal-azzjonijiet u kienu suġġetti għal modifikazzjoni matul l-implimentazzjoni tagħhom. F'dawn il-każijiet, ir-riskji relatati man-nuqqas ta' twassil tal-outputs mistennija baqgħu għand il-Kummissjoni, u tnejn mill-erba' kuntratti wasslu għal xogħol addizzjonali f'kuntratti ta' segwitu. Din is-sitwazzjoni ġiet osservata wkoll fi ftehim ta' kontribuzzjoni wieħed relatat ma' xogħlijiet ta' rimedju fl-Ukrajna.

32 Fil-każ ta' appoġġ mogħti lill-impjant tal-enerġija nukleari Armen, faċilità li tiġġenera d-dħul, il-proċess tal-għażla tal-Kummissjoni ma kienx jinkludi analiżi ta' kemm il-benefiċjarju kien kapaċi jiffinanzja l-programmi tiegħu stess ta' titjib tas-sikurezza, li skont l-istandards internazzjonali⁹ huma primarjament ir-responsabbiltà tal-operatur tal-faċilità nukleari.

⁹ L-IAEA, “Fundamental Safety Principles, Safety Fundamentals No SF-1”.

33 Fil-każ ta' appoġġ għar-rimedju u l-ġestjoni tal-karburant użat tal-eks impjant tal-enerġija nukleari ta' Chornobyl fl-Ukrajna, innutajna li l-Kummissjoni, wara skambji ta' livell għoli mal-Istati Membri kkonċernati tal-UE, għażlet li tikkontribwixxi aktar mill-kondiviżjoni storika tal-piżijiet li kienet ġiet segwita qabel bejn il-pajjiżi tal-G7 u l-UE, il-promoturi oriġinali u d-donaturi prinċipali għal dawn l-attivitajiet. Fl-2015 u l-2016, il-kontribuzzjonijiet tal-Kummissjoni għall-Fond ta' Kenn ta' Chernobyl ammontaw għal EUR 70 miljun (42 % tal-kontribuzzjonijiet ikkombinati), filwaqt li kienu jkunu ġew limitati għal EUR 45.6 miljun li kieku l-proporzjon tal-kontribuzzjoni tal-UE baqa' l-istess bħal fl-eżerċizzju ta' wegħdiet preċedenti (27.6 % fl-2011). Innutajna sitwazzjoni simili fir-rigward tal-kontribuzzjoni tal-2017 għall-Kont tas-Sikurezza Nukleari, li ffinanzja, fost affarijiet oħra, il-faċilità ta' ħżin xott tal-karburant użat f'Chornobyl: il-kontribuzzjoni mill-Kummissjoni ta' EUR 19.1-il miljun kienet tirrappreżenta 39 % tat-total tal-G7 u tal-UE, u qabżet b'EUR 5.4 miljun dak li kien ikun is-sehem tal-piż storiku tal-UE. Il-kontribuzzjoni Ewropea ġenerali (l-UE, Franza, il-Ġermanja, l-Italja u r-Renju Unit) baqgħet limitata għal 65 % tal-isforz ġenerali, li fil-fatt kien ifisser li l-baġit tal-UE parzjalment issostitwixxa l-kontribuzzjonijiet storiċi tal-membri Ewropej tal-G7.

L-appoġġ mill-UE kkontribwixxa għat-twettiq ta' azzjonijiet diversi u xi drabi kumplessi, iżda spiss iffaċċja dewmien u, f'xi każijiet, kostijiet ogħla u riskji għas-sostenibbiltà

34 F'din it-taqsim, neżaminaw jekk l-azzjonijiet ta' sikurezza nukleari ffinanzjati mill-UE wasslux l-outputs ippjanati tagħhom fil-ħin u skont il-baġit. Neżaminaw ukoll jekk is-sostenibbiltà għal żmien itwal ta' dawn l-outputs kinitx prevista fil-kuntratti ta' bażi u identifikajna, meta kien applikabbli, riskji speċifiċi għas-sostenibbiltà tagħhom.

L-UE tat appoġġ għat-twettiq ta' firxa wiesgħa ta' azzjonijiet, inklużi proġetti kbar u kumplessi

- 35** Matul il-perjodu 2014–2024, l-INSC iffinanzja 173 kuntratt li koprew azzjonijiet f'20 pajjiż imsieħeb u 7 reġjuni multinazzjonali. L-iskala u n-natura ta' dawn l-azzjonijiet kienu diversi, u koprew l-edukazzjoni u t-taħriġ, l-għoti ta' għarfien espert lill-partijiet ikkonċernati fit-tnejn u r-rieżaminar ta' dokumenti speċifiċi b'rabta mas-sikurezza, u l-forniment ta' tagħmir, infrastruttura u xogħlijiet ta' rimedju relatati mas-sikurezza. L-utenti aħħarija tal-appoġġ mogħti mill-UE kienu tipikament regolaturi nukleari f'pajjiżi sħab u operaturi ta' faċilitajiet nukleari jew siti antiki tal-produzzjoni tal-uranju. L-*Annex II* jipprovdi dettalji dwar il-kuntratti li ttieħdu bħala kampjun.
- 36** Mill-14-il kuntratt li ħadna bħala kampjun, 5 kienu magħluqa għalkollox fiż-żmien meta wettaqna l-awditu u 2 oħra kienu essenzjalment lestew l-attivitajiet ippjanati inizjalment tagħhom. Osservajna stampa mħallta fir-rigward ta' dawn is-seba' kuntratti: ħamsa wasslu l-outputs ippjanati; wieħed minnhom wassal il-biċċa l-kbira mill-outputs miftiehma iżda mhux kollha; u kuntratt wieħed skada mingħajr ma wassal xi wieħed mill-outputs ewlenin mistennija.
- 37** L-UE appoġġat it-twettiq ta' diversi azzjonijiet li kienu fuq skala kbira u kumplessi. Il-*Kaxxa 2* tiġbed l-attenzjoni għal tliet azzjonijiet li għibdu l-akbar kontribuzzjonijiet mill-UE matul il-perjodu 2014–2024 — madwar EUR 137 miljun jew 34 % tal-allokazzjonijiet totali tal-UE. L-implimentazzjoni saret b'kooperazzjoni mal-BERŻ, li mmaniġġja fondi ddedikati li għabru flimkien ir-riżorsi mingħand l-UE kif ukoll mingħand donaturi oħra. Filwaqt li tlestew iż-żewġ azzjonijiet f'Chornobyl, fil-każ tal-Kont għar-Rimedju Ambjentali (ERA), l-implimentazzjoni kienet għadha għaddeja fiż-żmien meta wettaqna l-awditu.

Kaxxa 2

Azzjonijiet fuq skala kbira ffinanzjati mill-INSC

Stampa 3: Konfinament sikur ġdid f'Chornobyl



Sors: L-impjant tal-enerġija nukleari Chornobyl.

L-istruttura ta' konfinament b'arkata tkopri l-fdalijiet tar-reattur 4 ta' Chornobyl, meqrud bl-aċċident tal-1986. L-għan tagħha huwa li ttaffi r-riskji li jirriżultaw mid-degradazzjoni u l-kollass possibbli tal-“object shelter” (kenn ta' protezzjoni tal-faċilità) li jeżisti b'ħalissa, li kien inbena f'kundizzjonijiet perikolużi ftit wara l-aċċident. B'hal parti mill-Pjan ta' Implimentazzjoni ta' Kenn, il-konfinament il-ġdid tlesta fl-2019 biex jipprevieni l-kontaminazzjoni radjuattiva tal-ambjent ta' barra u biex jippermetti d-dekostruzzjoni tal-kenn il-qadim ġewwa. Il-kontribuzzjoni totali tal-UE matul il-perjodu awditjat kienet ta' EUR 70.5 miljun. B'mod ġenerali, ix-xogħlijiet marbuta mal-eżekuzzjoni tal-pjan, li jinkludu l-istabbilizzazzjoni tal-kenn l-antik, il-konfinament il-ġdid u l-attivitajiet relatati, swew EUR 2.2 biljun (ara l-[Figura 3](#)). Ġew iffinanzjati mill-Fond ta' Kenn ta' Chernobyl, li għalih l-UE, id-donatur prinċipali, ikkontribwiet EUR 432 miljun bejn wieħed u ieħor (jew qrib l-20 % tal-kost totali).

Stampa 4: Faċilità ta' ħżin xott tal-karburant użat f'Chornobyl



Sors: iċ-Ċentru Xjentifiku u Tekniku tal-Istat għas-Sikurezza Nukleari u s-Sikurezza tar-Radjazzjoni (State Scientific and Technical Center for Nuclear and Radiation Safety — SSTC).

Il-faċilità tippermetti l-ħżin ta' karburant nukleari użat mit-tħaddim tal-unitajiet 1–3 tal-impjant tal-enerġija nukleari ta' Chornobyl, li l-aħħar wieħed minnhom ingħalaq fl-2000. Il-ħżin xott tal-21 000 assemblaġġ tal-karburant użat huwa maħsub biex itaffi r-riskji ta' tnixxijiet tal-ilma u ta' fallimenti tat-tkessiħ assoċjati mal-faċilità tal-ħżin fl-imxarrab li qed tintuża bħalissa. Il-faċilità l-ġdida tlestiet fl-2021 u minn dak iż-żmien 'il hawn bdiet tirċievi gradwalment l-assemblaġġi tal-karburant użat, ippakkjati f'kaxxetti ċilindriċi. Il-kontribuzzjoni totali tal-UE matul il-perjodu awditjat kienet ta' EUR 19.1-il miljun. B'mod ġenerali, mit-tnedija tal-proġett fl-1996 sa tmiem l-2024, il-kostruzzjoni ta' din il-faċilità swiet EUR 486 miljun (ara l-[Figura 3](#)).

Stampa 5: Rimedju tas-siti antiki tal-estrazzjoni tal-uranju fl-Asja Ċentrali



Sors: il-QEA.

L-ERA kofinanzjata mill-UE tappoġġa attivitajiet ta' tindif immirati lejn seba' siti antiki tal-uranju li huma ta' prijorità mifruxin fil-Kirgiżistan, it-Taġikistan u l-Uzbekistan. Abbażi ta' studji tal-fattibbiltà u valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali, ix-xogħol ta' rimedju jinkludi l-kisi ta' żoni kontaminati jew it-tqegħid ta' ċnut fl-istess żoni, l-għeluq ta' xaftijiet tal-minjieri (fetħiet vertikali) u ta' adits (fetħiet orizzontali), ir-rilokazzjoni jew l-istabbilizzazzjoni ta' għadajjar ta' żwiel radjuattiv u ta' miżbliet ta' skart ta' blat, il-prevenzjoni tal-erożjoni, u t-twaqqiġ ta' strutturi kontaminati li mhumiex sikuri. Billi tnaqqas l-esponiment għall-ħamrija u l-ilma kontaminati, l-ERA għandha l-għan li tirrestawra l-kundizzjonijiet tal-għajxien sikuri għan-nies fir-reġjun tal-Wied ta' Ferghana li għandu popolazzjoni densa. Il-kontribuzzjoni totali mill-UE kienet ta' EUR 47.2 miljun. F'Ottubru 2025, l-attivitajiet ta' rimedju kienu għadhom għaddejjin (ara l-[Figura 3](#)).


Spiss l-azzjonijiet tlestew tard, u f'xi każijiet inqabeż il-baġit

- 38** Spiss l-azzjonijiet fil-kampjun awditjat batew dewmien fl-implimentazzjoni tal-attivitajiet tagħhom. B'mod ġenerali, minn 14-il kuntratt iffinanzjati mill-INSC, 2 biss wasslu l-outputs tagħhom fil-perjodu li kien previst fil-kuntratti oriġinali ffirmati mill-Kummissjoni (ara l-*Figura 2*). Il-maġġoranza l-kbira batew dewmien, jew fir-rigward tad-data tat-tlestija sħiħa tagħhom (seba' każijiet) jew inkella fir-rigward tal-ilħuq ta' stadji importanti interni fil-kuntratti li kienu għadhom għaddejjin fiż-żmien meta wettaqna l-awditu (erba' każijiet). Id-dewmien kien ivarja bejn 11 u 48 xahar, u f'5 każijiet kienet meħtieġa modifika formali tat-tul ta' żmien tal-kuntratt. F'każ wieħed, il-kuntratt skada mingħajr ma wassal xi wieħed mill-outputs ewlenin tiegħu, l-aktar minħabba n-nuqqas li jiġu garantiti ftehimiet qafas mal-pajjiżi parteċipanti, kif ukoll minħabba l-effetti tal-pandemija tal-COVID-19 (ara wkoll il-paragrafu *36*).

Figura 2 | Tul ta' żmien tal-azzjonijiet iffinanzjati mill-INSC fil-kampjun awditjat

Didaskalija

- Tul ta' żmien ippjanat inizjali
- Tul ta' żmien estiż
- Pjan ta' azzjoni annwali adottat
- Data tal-kuntratt inizjali
- Implimentazzjoni lesta
- ✓ Magħluq
- ⊙ Tlestew l-attivitajiet inklużi fil-kampjun, il-kuntratt għadu miftuħ
- Għadu għaddej



Nota: Fi tliet każijiet (2, 6 u 10), għalkemm il-kuntratti għadhom għaddej minn perspettiva amministrattiva, tlestew l-attivitajiet li kienet għadha kampjun.


Sors: il-QEA, abbażi ta' kuntratti u rapporti ta' implimentazzjoni pprovduti mill-Kummissjoni jew mis-sħab ta' implimentazzjoni tagħha f'Ġunju 2025.

39 F'xi każijiet, din is-sitwazzjoni ġiet aggravata minn kostijiet reali li qabżu l-limiti tal-baġits oriġinali tagħhom anki jekk, f'dan ir-rigward, il-kampjun awditjat huwa eteroġenju ħafna. Mill-14-il kuntratt li kienet għadha kampjun, 5 kienu wettqu l-attivitajiet ippjanati fiż-żmien meta wettaqna l-awditu. Fi ħdanhom, dawn, sibna żewġ każijiet fejn l-outputs twasslu fi ħdan il-baġit ippjanat inizjalment, filwaqt li fi tlieta oħra nqabeż il-limitu ta' dak il-baġit.

Azzjonijiet fuq skala kbira ffinanzjati mill-INSC

40 L-akbar tliet azzjonijiet tal-INSC (ara l-*Kaxxa 2*) kienu impriżi fit-tul b'diversi partijiet ikkonċernati u kumplessi, li inevitabbilment qajmu sfidi uniċi fl-implimentazzjoni tagħhom. B'mod partikolari, il-konfinament sikur il-ġdid f'Chornobyl kien kostruzzjoni li kienet l-ewwel tat-tip tagħha, u r-rimedju tas-siti antiki tal-estrazzjoni tal-uranju fl-Asja Ċentrali jkopri tliet pajjiżi differenti u seba' siti differenti. Il-*Figura 3* turi li dawn l-azzjonijiet kienu jew għadhom milquta minn dewmien u minn total konsiderevoli ta' kostijiet akbar milli pplanat.

Figura 3 | Analiżi speċifika ta' azzjonijiet fuq skala kbira



Nota: il-kontribuzzjoni mill-UE tirreferi għal għotjiet mingħand l-INSC aġġudikati matul il-perjodu 2014–2024 biss. Stimi inizjali miksuba minn studji tal-fattibbiltà, pjanijiet ta' implimentazzjoni jew ftehimiet ta' għotja, skont id-disponibbiltà. Stimi *interim* u finali meħuda mir-rapporti ta' implimentazzjoni.

Sors: il-QEA, abbażi ta' *data* pprovduta mill-Kummissjoni, mill-BERŻ u mill-Grupp ta' Koordinazzjoni għas-Siti Antiki tal-Produzzjoni tal-Uranju.

- 41** Fil-każ tal-infrastruttura kofinanzjata mill-INSC f'Chornobyl (inklużi l-konfinament sikur ġdid u l-faċilità ġdida ta' ħżin xott tal-karburant użat), l-istimi tal-kostijiet kienu żdiedu minn mindu tnedew dawk l-azzjonijiet, primarjament minħabba ostakli tekniċi u regolatorji, iżda xprunati wkoll minn fatturi ekonomiċi bħall-inflazzjoni u r-riskji tar-rata tal-kambju li fl-aħħar mill-aħħar intrefgħu mill-fondi li kienu amministrati mill-BERŻ. Dawn iż-żidiet eventwalment wasslu għal diskrepanzi fil-finanzjament u sejħiet għal kontribuzzjonijiet addizzjonali mingħand donaturi — EUR 70 miljun mill-baġit tal-UE bħala appoġġ għall-konfinament sikur il-ġdid u EUR 19.1-il miljun għall-faċilità ta' ħżin xott tal-karburant użat. Dan id-dewmien u żidiet fil-kostijiet komplew jolqtu l-azzjonijiet sa tmiem l-implimentazzjoni tagħhom. Fil-każ tal-konfinament sikur il-ġdid, l-inċentivi finanzjarji offruti lill-kuntrattur biex dan b'mod f'waqtu jwettaq l-istadji importanti magħżula kkontribwew għal tnaqqis fid-dewmien u fiż-żidiet fil-kostijiet wara l-2014. Għall-faċilità ta' ħżin xott tal-karburant użat, inċentivi ta' dan it-tip ma ġewx stabbiliti. L-eżitu finali ġie aggravat minn waqfien addizzjonali relatat mal-COVID u għadu jiddependi minn proċess ta' arbitraġġ li jinsab għaddej bejn il-benefiċjarju u l-kuntrattur tiegħu.
- 42** Immedija fl-2015, l-ERA mill-bidu nett intlaqtet mid-disponibbiltà tard tal-istudji tal-fattibbiltà meħtieġa, li nħarġu biss gradwalment bejn l-2016 u l-2020. Dan ġie aggravat minn nuqqasijiet persistenti fil-finanzjament (ara l-*Kaxxa 3*) u, fil-każ tal-Uzbekistan, min-nuqqas inizjali ta' kapaċità teknika, amministrattiva u finanzjarja tal-organizzazzjoni riċevitriċi.

Kaxxa 3

Nuqqas persistenti fil-finanzjament li jolqot l-ERA

Kważi 10 snin wara t-tnedija tal-ERA u inqas minn 3 snin qabel l-għeluq ippjanat tagħha f'Diċembru 2027, 4 siti iżgħar biss kienu ġew rimedjati bis-sħiħ. Abbażi tal-analiżi li wettaqna, ir-rimedju tat-tliet siti l-kbar li jifdal, li jirrappreżentaw 86 % tal-kost totali, x'aktarx li ma jitlestiehx qabel l-2032 (il-Kirgistan) u l-2037 (it-Taġikistan). Għat-Taġikistan, minħabba limitazzjonijiet tal-finanzjament u l-livell għoli ta' investiment meħtieġ, hemm riskju li r-rimedju għandu mnejn ma jimmaterializzax.

Sa issa, il-kontribuzzjoni mill-UE f'ammont ta' EUR 47.2 miljun (jew 83 % tar-riżorsi tal-ERA) u l-kontribuzzjonijiet ta' xi EUR 10 miljun mingħand donaturi internazzjonali oħra¹⁰ wrew li ma kinux biżżejjed biex ikopru l-kostijiet stmati kollha tal-ERA, u dan wassal għal dewmien fit-tnedija ta' xogħlijiet ta' rimedju. Matul dak il-perjodu ta' 10 snin (mill-2015 sal-2024), il-Kummissjoni, bl-appoġġ tal-BERŻ, organizzat biss konferenza waħda b'appell għal wegħdiet ta' donazzjonijiet, fl-2018.

In-nuqqas fil-finanzjament tal-ERA żdied ukoll minħabba li r-rimedju qed juri li huwa aktar għali milli kien ippjanat oriġinarjament. Filwaqt li l-istudji tal-fattibbiltà inizjali indikaw kost aggregat ta' bejn wieħed u ieħor EUR 72 miljun għas-seba' siti, l-istimi ta' bħalissa jgħollu dak l-ammont għal EUR 101.3 miljun (żieda ta' 41 %). Xprunatur ewlieni ta' dawn iż-żidiet kien modifika tas-soluzzjoni ta' rimedju għas-sit ta' Mailuu-Suu fil-Kirgistan, wara studji ulterjuri skattati mit-terremot tal-2023 fit-Turkija. Fatturi kontribwenti oħra kienu jinkludu kostijiet ta' ġestjoni mitluba minn konsulenti esterni li qabżu daww previsti fl-istudji tal-fattibbiltà u l-inflazzjoni.

Minbarra l-kostijiet tal-kostruzzjoni u tal-ġestjoni, l-ERA jeħtieġ ukoll li tkopri l-ispejjeż amministrattivi mġarrba mis-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni. Dawn jiġu approvati fuq bażi annwali mid-donaturi tal-ERA. Sat-30 ta' Awwissu 2025, dawn ammontaw għal EUR 4.4 miljun, u b'hekk ikkontribwew għad-diskrepanza bejn il-finanzjament disponibbli u n-nefqa.

- 43** Ir-Regolament Finanzjarju jagħti lok biex ir-rimunerazzjoni tas-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni tkun ibbażata fuq il-prestazzjoni¹¹. Madankollu, innutajna nuqqas ta' inċentivi għall-prestazzjoni fl-arranġamenti kuntrattwali bejn il-Kummissjoni u s-sħab ta' implimentazzjoni tagħha fil-kuntratti taħt il-mod ta' ġestjoni indiretta li awditajna.

¹⁰ Il-Belġju, il-Litwanja, in-Norveġja, Spanja, l-Iżvizzera u l-Istati Uniti.

¹¹ L-Artikolu 155 tar-Regolament 2018/1046 jew l-Artikolu 158 tar-Regolament 2024/2509.

Selfa tal-Euratom għall-programm ta' aġġornament tas-sikurezza fuq skala kbira tal-Ukrajna

- 44** L-implimentazzjoni fl-Ukrajna ta' programm ta' titjib fil-kwalità tas-sikurezza fuq skala kbira fuq l-impjanti tal-enerġija nukleari attivi kollha tagħha, iffinanzjat minn selfa tal-Euratom f'ammont ta' EUR 300 miljun, turi xejra ta' dewmien u kostijiet akbar milli ppjanat li kienu simili għal azzjonijiet oħra fuq skala kbira ffinanzjati mill-INSC. Sa meta l-Kummissjoni żborżat l-ewwel pagament parzjali ta' EUR 50 miljun fl-2017, il-mutwatarju kien diġà talab estensjoni tad-data tat-tlestija tal-programm, mill-2017 sal-2020. Sa tmiem l-2021, meta l-Euratom qablet dwar l-iżborż finali tagħha, 81 % biss tal-miżuri kienu tlestew bis-sħiħ. F'Diċembru 2024, għalkemm ir-rata ta' tlestija laħqet l-84 %, l-implimentazzjoni tal-bqija tal-programm kienet iddewmet saħansitra aktar. Il-mutwatarju ma kienx qed jistenna li dan jiġi konkluż qabel l-2030 u ġibed l-attenzjoni għall-impossibbiltà li tiġi determinata data ta' tlestija proġettata minħabba l-gwerra li kienet għaddejja. B'mod ġenerali, l-istima tal-kostijiet tal-programm żdiedet minn EUR 1.4 biljun għal EUR 1.6 biljun (16 %). Il-kontribuzzjoni mill-UE għall-programm baqgħet limitata għas-selfa oriġinali ta' EUR 300 miljun.
- 45** Id-dewmien kien ikkawżat, kważi mill-bidu nett, mill-fatt li damu biex jiġu stabbiliti l-istrutturi ta' ġestjoni tal-proġetti u t-twettiq ta' kundizzjonijiet oħra minn qabel. Dan ma ppermettiex l-iżborż tal-finanzjament mingħand l-Euratom u l-BERŻ. L-affarijiet marru għall-agħar minħabba l-finanzjament proprju tal-mutwatarji li kien limitat u minħabba r-rekwiżiti tal-elettriku tal-Ukrajna, li naqqsu t-tul ta' żmien ta' qtugħ li matulu seta' jsir titjib. Mill-2022 'il hawn, id-dewmien ġie aggravat mill-gwerra ta' aggressjoni mir-Russa kontra l-Ukrajna, li kellha konsegwenzi kbar għall-implimentazzjoni tal-programm. B'mod partikolari, l-okkupazzjoni tal-impjant tal-enerġija nukleari ta' Zaporizhzhia kienet tinvolvi s-sospensjoni tal-aġġornamenti tas-sikurezza ppjanati u tal-produzzjoni tal-elettriku, flimkien mat-telf tad-dħul korrispondenti.

F'xi każijiet, is-sostenibbiltà għal żmien twil tibqa' sfida sinifikanti

- 46** L-Ukrajna kienet l-akbar beneficijarju tal-kooperazzjoni internazzjonali tal-UE fil-qasam tas-sikurezza nukleari matul il-perjodu 2014–2024, wara li rċeviet appoġġ li ammonta għal EUR 170 miljun f'għotjiet u EUR 300 miljun f'self. Madankollu, l-okkupazzjoni mir-Russja ta' faċilitajiet nukleari u l-aggressjoni kontinwa fessru li s-sostenibbiltà għal żmien twil ta' dawn l-investimenti hija f'riskju u tibqa', meta fiżikament aċċessibbli, tiddependi mill-kontinwazzjoni ta' tali appoġġ. Ninnutaw b'mod partikolari dan li ġej:
- (a) Bejn l-2022 u l-2024, l-INSC alloka aktar minn EUR 15-il miljun li kienu mmirati primarjament lejn ir-restawr ta' tagħmir u installazzjonijiet li l-forzi Russi kienu għamlulhom ħsara jew serquhom. Dan l-appoġġ ingħata parzjalment (EUR 7 miljun) permezz tal-Kont Internazzjonali għall-Kooperazzjoni dwar Chernobyl. Dan huwa fond multidonatur ieħor immaniġġjat mill-BERŻ, li adatta l-għan oriġinali tiegħu li jgħin fid-dekummissjonar tal-impjant tal-enerġija nukleari ta' Chornobyl biex jinkludi r-restawr tas-sikurezza nukleari fiż-żona ta' esklużjoni.
 - (b) Fi Frar 2025, [dron](#) laqat is-saqaf tal-konfinament sikur il-ġdid fuq l-unità 4 tal-impjant tal-enerġija nukleari ta' Chornobyl, waħda mill-azzjonijiet fuq skala kbira tal-INSC, li rriżultat fi ħsara lis-saqaf innifsu u kkawżat nar li qered parti mis-saffi interni tiegħu. Wara 22 sena ta' xogħol ta' tfassil u kostruzzjoni u wara EUR 2.2 biljun investiti fil-Pjan ta' Implimentazzjoni ta' Kenn (li minnhom EUR 432 miljun ġew mill-baġit tal-UE), il-konfinament il-ġdid ma għadux adegwat għall-użu u jirrikjedi tiswijiet kbar, [b'halma kkonfermat l-IAEA](#). Il-kost u s-sorsi ta' finanzjament għal dawn it-tiswijiet għadhom qed jiġu vvalutati mill-awtoritajiet Ukreni, b'appoġġ mingħand il-Kont għall-Kooperazzjoni.

Stampa 6: Saqaf bil-ħsara tal-konfinament sikur il-ġdid f'Chornobyl



Sors: I-impjant tal-enerġija nukleari Chornobyl.

- (c) It-trasferiment ta' assemblaġġi tal-karburant użat lejn il-faċilità ta' ħżin xott tal-karburant użat li għadha kif inbniet f'Chornobyl tnaqqas bil-bosta minħabba l-gwerra. Meta mqabbla ma' mira inizjali ta' trasferiment ta' 2 500 assemblaġġ kull sena, inqas minn 630 fil-fatt ġew ittrasferiti bħala medja matul il-perjodu 2022–2024. Sa Ġunju 2025, abbażi tal-informazzjoni li waslet mingħand il-benefiċjarju, qrib is-17 000 assemblaġġ (80 % tat-total) kienu għadhom fil-faċilità l-antika tal-ħżin fl-imxarrab.
- (d) Għaldaqstant il-mutwatarju tas-self tal-Euratom sa issa kkonforma mat-termini tal-ħlas lura tiegħu, li huma limitati għall-impjant annwali sal-2027. Għalhekk, il-baġit tal-UE ma rreġistra l-ebda telf reali. Madankollu, iddeterjorat is-sitwazzjoni finanzjarja tal-mutwatarju minħabba l-gwerra u, b'mod partikolari, minħabba t-telf tal-impjant tal-enerġija nukleari ta' Zaporizhzhia li, eżatt qabel ma faqqgħet il-gwerra, kien jiġġenera madwar 44 % tal-elettriku tal-kumpanija. Il-konformità futura mat-termini ta' ħlas lura tal-pagamenti tas-self fil-kuntest tal-gwerra li għaddejja bħalissa jaf tiddependi minn appoġġ kontinwu mill-komunità internazzjonali.

- 47** Il-pjan regolatorju strateġiku għar-rimedju tas-siti antiki tal-produzzjoni tal-uranju fl-Asja Ċentrali jiddefinixxi sistema reġionali ta' monitoraġġ tal-ilma bħala komponent ċentrali tal-istrateġija ta' rimedju. Madankollu, l-azzjoni tal-INSC li tnediet biex timplimenta din is-sistema ta' monitoraġġ skadiet fl-2022 mingħajr ma laħqet xi wieħed mill-oġettivi ewlenin tagħha — is-sistema ma ġietx installata. Dan idgħajjed is-sostenibbiltà tax-xogħlijiet ta' rimedju billi jimpedixxi twissijiet bikrija ta' kontaminazzjoni, koordinazzjoni u kondiviżjoni tad-*data* minn naħa għal oħra tal-fruntiera bejn it-tliet pajjiżi kkonċernati. Barra minn hekk, fil-każ tal-Uzbekistan, kien biss f'Novembru 2025 li ġiet assenjata responsabbiltà mis-sostenibbiltà għal żmien twil tas-siti rimedjati lil aġenziji governattiva, u l-mekkaniżmi meħtieġa biex dik ir-responsabbiltà tiġi implimentata b'mod effettiv kienu għadhom għaddejjin minn żvilupp. Fil-każ tat-Taġikistan (ara l-[Kaxxa 3](#)), id-dewmien fl-implimentazzjoni tax-xogħlijiet ta' rimedju jkompli jtawwal u jżid ir-riskju ta' kontaminazzjoni minn naħa għal oħra tal-fruntiera.
- 48** Fl-Armenja, l-appoġġ kontinwu li l-UE tagħti lill-awtorità regolatorja nukleari u lill-impjant tal-enerġija mis-snin disgħin għadu ma wassalx għall-awtosostenibbiltà fil-livell nazzjonali. Kemm l-awtorità regolatorja kif ukoll l-operatur għadhom jitħabtu ma' nuqqasijiet persistenti ta' persunal jew ma' lakuni fl-għarfien espert. Dawn tal-aħħar tnaqqsu bis-saħħa ta' assistenza internazzjonali mingħand l-UE, u wkoll mingħand l-IAEA, il-Ġermanja, ir-Russja u l-Istati Uniti. Fi tmiem l-2024, kienu għadhom għaddejjin ħames azzjonijiet differenti ffinanzjati mill-INSC, li b'kollox jiswew xi EUR 12-il miljun. Din il-kooperazzjoni hija prevista b'mod espliċitu f'dokumenti ta' kooperazzjoni usa' bħall-[Ftehim ta' Sħubija Komprensiv u Msaħħaħ](#) UE-Armenja, fis-seħħ mill-2021, u l-Pjan ta' Reżiljenza u Tkabbir tal-2024. Minkejja dan, il-Kummissjoni ma għandhiex approċċ komprensiv għad-dekummissjonar tal-impjant tal-enerġija nukleari li jeżisti bħalissa.
- 49** B'mod ġenerali, għall-kampjun tagħna, innutajna li l-ftehimiet li jipprovdu appoġġ mill-UE għal azzjonijiet ta' sikurezza nukleari permezz tal-INSC ma fihomx klawżoli ta' sostenibbiltà li jirrikjedu li l-utenti aħħarija jużaw u jżommu l-outputs iffinanzjati mill-UE (infrastruttura, tagħmir jew materjal ta' taħriġ) għal perjodu minimu. Mil-lat pożittiv, innutajna li l-kuntratt ta' provvista tal-Kummissjoni li eżaminajna jinċentiva s-sostenibbiltà billi jinkludi l-finanzjament tal-ewwel sett ta' spare parts u l-appoġġ lill-utenti aħħarija matul l-installazzjoni.

Il-monitoraġġ mill-Kummissjoni mhuwiex biżżejjed f’diversi aspetti

- 50** F’din it-taqsimha, neżaminaw jekk il-Kummissjoni kinitx stabbiliet sistema robusta ta’ monitoraġġ biex tittraċċa l-implimentazzjoni tas-selva tal-Euratom u tal-INSC, kif ukoll l-impatt reali tal-azzjonijiet tagħha fuq is-sikurezza nukleari.

Il-Kummissjoni sserraħ fuq il-ħidma ta’ monitoraġġ li l-partijiet terzi wettqu fir-rigward tas-self lill-Ukrajna, mingħajr qafas ċar ta’ rwoli u responsabbiltajiet

- 51** F’Ġunju 2013, il-Kummissjoni approvat selva tal-Euratom f’ammont sa EUR 300 miljun biex tappoġġa programm ta’ titjib tas-sikurezza fuq skala kbira għall-unitajiet tal-enerġija nukleari fl-Ukrajna, li għandu jiġi implimentat mill-operatur tagħhom Energoatom, kumpanija li sidha huwa l-Istat Ukren. Din is-selva, sostnuta minn garanzija maħruġa mill-Istat tal-Ukrajna, segwiet l-approvazzjoni ta’ selva simili mill-BERŻ f’Marzu 2013, għall-istess ammont u skop. Meta implimentat id-deċiżjoni tagħha, f’Awwissu 2013 il-Kummissjoni ffirmit ftehim dwar faċilità ta’ self ma’ Energoatom (il-mutwatarju) u żborżat l-ammont sħiħ ta’ EUR 300 miljun f’erba’ pagamenti parzjali, bejn l-2017 u l-2021. Il-Kummissjoni approvat dawn l-iżborżi abbażi ta’ (i) talbiet maħruġa mill-mutwatarju li kkonfermaw il-konformità mal-kundizzjonijiet ta’ self applikabbli kollha u (ii) ċertifikati maħruġa minn konsulent ta’ monitoraġġ li l-BERŻ qabbad u mmaniġġja f’isem iż-żewġ selliefa.

- 52** Madankollu, sibna li l-Kummissjoni ma mmonitorjatx biżżejjed l-implimentazzjoni tas-selva f'diversi aspetti. Il-mutwatarju mmodifika l-pjan ta' implimentazzjoni tal-aġġornament tas-sikurezza oriġinali diversi drabi u, għalkemm ikkomunika dawn il-bidliet liż-żewġ mutwatarji, qatt ma rċieva approvazzjoni formali mill-Kummissjoni, minkejja rekwiżit espliċitu għal dak l-għan fil-ftehim dwar faċilità ta' self. Minflok, il-Kummissjoni ddikjarat li serrħet fuq l-azzjonijiet tal-BERŻ rigward is-selva proprja tagħha (ara l-paragrafu 54). Barra minn hekk, minn erba' talbiet għal posponimenti tad-data ta' tlestija ġenerali (ara wkoll il-paragrafi 44–45), tnejn li kienu ilhom li nħarġu mill-2022 ma rċeviewx approvazzjoni formali mill-Kummissjoni, lanqas. Il-konsulent tal-monitoraġġ irrapporta ksur ripetut ta' ċerti klawżoli tal-ftehim ta' self, bħan-nuqqas tal-mutwatarju li jikkonforma bis-sħiħ mar-rekwiżiti tal-assigurazzjoni, li juri li d-dħul tiegħu mill-elettriku jkopri l-kostijiet tiegħu, inklużi l-kostijiet relatati mas-sikurezza nukleari, u li jikkontribwixxi għall-fond għad-dekummissjonar matul il-perjodu 2020–2024. Dawn is-sitwazzjonijiet huma deskritti fil-ftehim ta' self bħala avvenimenti possibbli ta' inadempjenza fuq is-selva tal-Euratom, li jippermettu lill-Kummissjoni titlob il-kanċellazzjoni, jekk ikun għadu ma ġiex żborżat, jew ir-rimborż aċċellerat tiegħu. Madankollu, il-Kummissjoni ma pprovdietx evidenza li kienet iwaluta jekk dan il-ksur kienx jiġġustifika dawn il-passi, jew li fittxet li ssolvih.
- 53** Barra minn hekk, il-Kummissjoni approvat kull wieħed mill-iżborżi tas-self matul il-perjodu 2017–2021 mingħajr konferma li dawn l-iżborżi kienu relatati ma' kostijiet diġà mġarrba u mħallsa mill-mutwatarju. Dan inaqqas l-aċċertament li l-finanzjament mogħti mill-UE ntuża esklussivament biex jappoġġa l-programm ta' titjib tas-sikurezza. Skont ir-rappurtar mill-konsulent, sa tmiem l-2021, il-mutwatarju kien nefaq biss fil-proġett EUR 235 miljun mit-total ta' EUR 300 miljun li kien irċieva f'dak il-punt mill-Euratom. Għalkemm il-mutwatarju gradwalment wettaq nefqa addizzjonali relatata mal-proġett fi snin sussegwenti, sa Ġunju 2025 nuqqas ta' nfiq kien għadu jppersisti f'ammont ta' EUR 10 miljun.
- 54** Din is-sitwazzjoni aggravat minħabba li l-Kummissjoni ma stabbilietx relazzjoni formali ma' partijiet terzi li kellhom rwoli sinifikanti fis-selva tal-Euratom, b'mod partikolari mal-BERŻ li fuqu fl-aħħar mill-aħħar ibbażat ruħha l-Kummissjoni fir-rigward tal-monitoraġġ. Dan jinkludi r-relazzjoni mal-konsulent ta' monitoraġġ, li fih il-BERŻ iżda mhux il-Kummissjoni huwa l-kontroparti kuntrattwali. Il-Kummissjoni rċeviet kopja tal-kuntratt ta' monitoraġġ oriġinali, li skada fl-2018. Anke jekk il-Kummissjoni baqgħet tirċievi rapporti ta' monitoraġġ ta' kull 3 xhur kif ukoll ċertifikati b'appoġġ tad-deċiżjonijiet tagħha li tapprova żborżi ta' self, minn dik id-data 'l hawn kienet u għadha mhijiex konxja mill-ambitu, mit-termini u mill-kundizzjonijiet li taħthom dawn is-servizzi baqgħu jingħataw wara l-2018.


Fil-biċċa l-kbira mill-każijiet, il-monitoraġġ huwa ffukat fuq l-outputs, mhux fuq titjib reali fis-sikurezza nukleari

- 55** Il-ftehimiet ta' għotja tal-INSC tipikament jinkludu "matriċi ta' qafas loġiku", bħala parti mill-qafas ta' monitoraġġ tal-Kummissjoni. F'din il-matriċi, il-Kummissjoni u l-kontroparti tagħha jaqblu dwar l-aspettattivi li jikkonċernaw l-azzjoni ffinanzjata, fir-rigward tal-obiettivi, l-eżiti speċifiċi u l-impatt ġenerali tagħha. Il-matriċi tinkludi indikaturi b'linji bażi, miri u skeda ta' żmien għall-ilħuq tagħhom. Din hija prattika tajba li tippermetti lill-Kummissjoni timmonitorja l-implimentazzjoni tal-azzjoni u potenzjalment tivvaluta u taggrega l-eżiti tagħha. Barra minn hekk, elementi oħra jirrinforzaw il-monitoraġġ li l-Kummissjoni twettaq rigward l-implimentazzjoni tal-azzjoni:
- (a) L-użu tal-għarfien espert disponibbli fi ħdan iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka biex jassisti lid-DĠ INTPA fis-segwitu tekniku tal-azzjonijiet li għaddejjin u l-valutazzjoni tar-risultati;
 - (b) L-implimentazzjoni ta' "monitoraġġ orjentat lejn ir-risultati" (MOR) f'azzjonijiet magħżula, fejn il-Kummissjoni tqabba kuntratturi esterni biex jirrieżaminaw interventi li jkunu għaddejjin, inklużi missjonijiet fuq il-post.
- 56** Madankollu, meta rrieżaminajna l-implimentazzjoni prattika ta' dawn il-proċeduri ta' monitoraġġ, innutajna li l-matriċi loġika ntużat f'9 minn 14-il kuntratt li ħadna bħala kampjun. F'sebgħa minn dawn id-disa' każijiet, il-matriċi ffukat fuq l-outputs (it-twettiq tal-attivitajiet ippjanati), mhux fuq l-eżiti (l-effetti ta' dawk l-attivitajiet). Barra minn hekk, innutajna n-nuqqas ta' rekwiżiti kuntrattwali biex fil-fatt jintużaw outputs iffinanzjati (il-paragrafu 49). Dawn il-fatturi jnaqqsu l-effettività tal-qafas billi jgħinu biex jiġi determinat jekk u kemm l-azzjoni fil-fatt ikkontribwiet għal livell ogħla ta' sikurezza nukleari f'faċilità jew pajjiż partikolari. Fir-rapporti tal-MOR li rrieżaminajna, il-kuntratturi tal-Kummissjoni jikkorrobaw din il-valutazzjoni. Fl-istess ħin, dawn il-kuntratturi jtaffu dan in-nuqqas ta' fokus fuq l-eżiti sa ċertu punt, billi jipprovdu analiżi aktar fil-fond tar-risultati miksuba mill-azzjoni konkreta li jkunu rrieżaminaw. Madankollu, il-MOR ma jintużax b'mod sistematiku fl-azzjonijiet kollha ffinanzjati mill-INSC: fil-kampjun tagħna, 5 biss minn 14-il kuntratt għaddew minn rieżami ta' dan it-tip. Għalhekk, il-Kummissjoni ma għandhiex sistema biex timmonitorja b'mod komprensiv l-eżiti tal-appoġġ tagħha fil-livell ta' azzjoni, fil-livell tal-faċilità jew f'dak nazzjonali jew reġjonali, u biex tuża dik l-informazzjoni biex issaħħaħ it-teħid tad-deċiżjonijiet tagħha fit-tfassil ta' azzjonijiet futuri u fil-valutazzjoni tal-urġenza tagħhom.

57 Minkejja n-nuqqas ta' valutazzjoni komprensiva ta' dan it-tip, madankollu nnutajna l-kisba ta' riżultati tanġibbli relatati mas-sikurezza nukleari fl-attivitajiet fil-kampjun iffinanzjati mill-INSC li kienu tlestew, kif indikat fir-rapporti ta' implimentazzjoni. Ir-riżultati jvarjaw fin-natura iżda jinkludu t-tnaqqis tar-radjuattività f'Chornobyl u fis-siti antiki tal-produzzjoni tal-uranju fl-Asja Ċentrali fejn tlestew ix-xogħlijiet. Jinkludu wkoll, fl-Armenja, l-implimentazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet ta' testijiet tal-istress u t-tnaqqis tar-riskju ta' rilaxxi radjuattivi fl-ambjent f'każ ta' aċċidenti nukleari, flimkien mal-estensjoni tal-liċenzja tal-impjant tal-enerġija biex jopera sal-2031.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Awla III, immexxija mis-Sa Bettina Jakobsen, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tas-27 ta' Jannar 2026.

Għall-Qorti tal-Awdituri



Tony Murphy
Il-President

Annessi

Anness I – Dwar l-awditu

Sikurezza nukleari

- 01** L-IAEA¹ u l-UE² jiddefinixxu s-sikurezza nukleari bħala l-ksib ta' kundizzjonijiet operattivi adatti, il-prevenzjoni ta' aċċidenti u t-taffija tal-konsegwenzi tagħhom, li jirriżultaw fil-protezzjoni tal-ħaddiema, il-pubbliku u l-ambjent minn perikli tar-radjazzjoni. L-objettiv fundamentali tas-sikurezza huwa li n-nies jiġu protetti mill-effetti dannużi tar-radjazzjoni jonizzanti. Is-sikurezza tinkludi l-installazzjonijiet nukleari, l-iskart radjuattiv, u t-trasport ta' materjal radjuattiv³. Għalkemm interkonnessi, is-sikurezza nukleari hija differenti mis-sigurtà nukleari fis-sens li din tal-aħħar tirreferi għall-prevenzjoni, id-detezzjoni u r-rispons għal atti kriminali jew intenzjonali mhux awtorizzati li jinvolvu materjal nukleari jew radjuattiv, faċilitajiet jew attivitajiet assoċjati.

¹ IAEA Nuclear Safety and Security Glossary, pp. 139–140.

² L-Artikolu 3(2) tad-[Direttiva tal-Kunsill 2009/71/Euratom](#) li tistabbilixxi qafas Komunitarju għas-sikurezza nukleari ta' installazzjonijiet nukleari.

³ IAEA Nuclear Safety and Security Glossary 2022.

02 Varjetà ta' setturi jużaw teknoloġiji nukleari, inklużi l-agrikoltura, il-mediċina u l-esplorazzjoni tal-ispazju. Madankollu, l-applikazzjoni primarja tat-teknoloġiji nukleari hija l-ġenerazzjoni tal-elettriku u tas-sħana. Fl-2024, l-enerġija nukleari forniet madwar 4.8 % tad-domanda globali għall-enerġija li laħqet kważi 650 exajoule dik is-sena, wara li kibret b'mod konsistenti matul l-aħħar 10 snin⁴. Sa Lulju 2025, bejn wieħed u ieħor 376 gigawatt elettriku (GWe) tal-kapaċità installata netta totali kienu disponibbli permezz ta' 416-il reattur tal-enerġija nukleari f'31 pajjiż. Fl-istess ħin, kien hemm 100 reattur tal-enerġija nukleari li kienu qed joperaw fi 12 minn 27 Stat Membru tal-UE⁵, b'kapaċità installata netta ta' madwar 98 GWe b'kolloxx⁶. Skont l-Eurostat, madwar għoxrin fil-mija (23 %) tal-elettriku prodott fl-UE fl-2023 kien iġġenerat minn impjanti tal-enerġija nukleari, li huwa aktar mid-doppju meta mqabbel ma' 9 % fil-livell globali⁷. F'Diċembru 2023, grupp ta' 25 pajjiż li pparteċipaw fit-28 Konferenza tal-Partijiet (COP) tan-Nazzjonijiet Uniti — li minnhom 12 kienu Stati Membri tal-UE — iffirmaw dikjarazzjoni bil-għan li tittrippla l-kapaċità tal-enerġija nukleari sal-2050. Matul il-COP 29 fl-2024, [sitt pajjiżi addizzjonali](#) ngħaqdu ma' dik il-wegħda, u b'hekk it-total tela' għal 31.

03 Minħabba l-għadd limitat ta' reatturi nukleari mibnija ġodda fi snin reċenti, b'mod partikolari fl-Ewropa u fl-Amerka ta' Fuq, kemm għandhom żmien ir-reatturi madwar id-dinja bħala medja żdiedet maż-żmien. Total ta' 278 reattur li jinkludu żewġ terzi tal-flotta operattiva tad-dinja kienu konnessi mal-grilja mill-inqas 31 sena ilu. Dan jinkludi 160 reattur li ilhom konnessi għal mill-inqas 40 sena — u l-biċċa l-kbira minnhom jinsabu fi Franza, fir-Russja u fl-Istati Uniti (ara l-[Figura 1](#)).


⁴ L-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija, “[Global Energy Review 2025](#)”.

⁵ Il-Belġju, il-Bulgarija, iċ-Ċekja, Spanja, Franza, l-Ungerija, in-Netherlands, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja, il-Finlandja, u l-Iżvezja.

⁶ Il-bażi ta' [data Power Reactor Information System \(PRIS\)](#) tal-IAEA, estratta f'Lulju 2025.

⁷ L-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija, “[Global Energy Review 2025](#)”.

Figura 1 | Għadd tar-reatturi li joperaw madwar id-dinja, u kemm għandhom żmien



Sors: il-QEA, abbażi ta' sensiela ta' data ta' referenza tal-IAEA "Nuclear Power Reactors in the World" (Diċembru 2023) u l-Power Reactor Information System (PRIS) (Lulju 2025).


L-istrumenti tal-UE għal kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tas-sikurezza nukleari

04 L-azzjoni tal-UE fil-qasam tas-sikurezza nukleari, bil-kooperazzjoni internazzjonali inkluża, hija bbażata fuq it-[Trattat Euratom](#). Oriġinarjament iffirmit fl-1957 bejn il-Belġju, il-Ġermanja, Franza, l-Italja, il-Lussemburgu u n-Netherlands, l-Istati Membri l-oħra kollha tal-UE ssieħbu minn dak iż-żmien 'il hawn, u ffurmaw il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Euratom). L-Euratom tikkondividi l-istess korpi eżekuttivi u Stati Membri mal-UE, filwaqt li l-biċċa l-kbira mill-azzjonijiet ibbażati fuq it-[Trattat tal-Euratom](#) jiġu ffinanzjati permezz tal-baġit tal-UE. Għalhekk, għall-iskopijiet ta' dan ir-rapport, nużaw iż-żewġ termini "UE" u "Euratom" b'mod interkambjabbli.

Xenarju tas-sikurezza nukleari li qed jevolvi

05 Ix-xenarju tas-sikurezza nukleari kien u għadu jevolvi sa mill-bidu tal-kooperazzjoni tal-UE f'dan il-qasam. L-aċċident ta' Chornobyl fl-1986 u l-kollass tal-Unjoni Sovjetika fl-1991 qajmu tħassib kbir dwar is-sikurezza tal-faċilitajiet nukleari mħaddma fl-Istati li kienu għadhom kif kisbu l-indipendenza. Din is-sitwazzjoni wasslet għat-tnedija tal-programm ta' Assistenza Teknika lill-Komunità ta' Stati Indipendenti (TACIS) b'allokazzjoni ffinanzjata mill-UE ta' EUR 1 260 miljun iddedikata għas-sikurezza nukleari matul il-perjodu 1992–2006, xi EUR 84 miljun fis-sena. Matul dan il-perjodu, is-sitwazzjoni tas-sikurezza fiż-żona ġeografika tat-TACIS rat titjib gradwali — b'mod partikolari l-għeluq permanenti tar-reatturi simili għal Chornobyl mill-era Sovjetika fil-Litwanja u fl-Ukrajna, u programmi biex mudelli oħra jiġu modernizzati bil-kbir. B'hekk il-Kummissjoni setgħet tnaqqas gradwalment id-daqs tal-programmi ta' kooperazzjoni suċċessuri sa EUR 300 miljun fil-perjodu 2021–2027 (sa madwar EUR 43 miljun kull sena), filwaqt li espandiet l-ambitu ġeografiku, li issa huwa dinji. Il-[Figura 2](#) tagħti ħarsa ġenerali lejn l-appoġġ mogħti mill-UE għas-sikurezza nukleari internazzjonali fil-għamla ta' għotjiet.

Figura 2 | Evoluzzjoni tal-għotjiet tal-UE għall-kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tas-sikurezza nukleari taħt it-TACIS u l-INSC (f'miljun EUR)



Nota: għall-perjodu 2014–2020, id-dotazzjoni inizjali tal-INSC (EUR 225 miljun) ġiet issupplimentata b'EUR 70 miljun oħra għall-finanzjament ta' kontribuzzjoni għall-Fond ta' Kenn ta' Chernobyl (il-**Kaxxa 2**).

Sors: il-Kummissjoni Ewropea.


- 06** Żviluppi aktar reċenti, bħall-aċċident ta' Fukushima fl-2011 u l-gwerra ta' aggressjoni mir-Russja kontra l-Ukrajna mill-2022 'il hawn, enfasizzaw riskji ġodda u, flimkien mat-tfaċċar ta' teknoloġiji ġodda bħal reatturi modulari żgħar, komplew isawru mill-ġdid ix-xenarju tas-sikurezza nukleari.

L-istrumenti ta' finanzjament ta' bħalissa għall-kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tas-sikurezza nukleari

- 07** Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) 2021/948 stabbilixxa l-Istrument Ewropew għal Kooperazzjoni Internazzjonali fil-qasam tas-Sikurezza Nukleari, mogħni b'EUR 300 miljun biex ikopri l-perjodu 2021–2027. Dan isegwi l-[INSC għall-perjodu 2014–2020](#) preċedenti u żamm l-istess objettivi:
- il-promozzjoni ta' kultura effettiva ta' sikurezza nukleari u ta' protezzjoni mir-radjazzjoni, l-implimentazzjoni tal-ogħla standards ta' sikurezza nukleari u protezzjoni mir-radjazzjoni, u t-titjib kontinwu tas-sikurezza nukleari;
 - il-ġestjoni responsabbli u sikura ta' fjuwil [karburant] użat u tal-iskart radjuattiv u d-dekummissjonar u r-riabilitazzjoni [rimedjar] ta' dawk li kienu siti u installazzjonijiet nukleari;
 - l-istabbiliment ta' salvagwardji effiċjenti u effettivi għall-materjal nukleari f'pajjiżi mhux tal-UE.
- 08** Għalkemm spiss l-appoġġ iffinanzjat mill-UE jiġi pprovdut permezz ta' kuntratturi, il-benefiċjarji aħħarin tal-kooperazzjoni huma l-awtoritajiet regolatorji fil-pajjiżi sħab, l-aġenziji nazzjonali inkarigati mill-ġestjoni tal-iskart radjuattiv, jew il-partijiet ikkonċernati ta' [sistema għall-kontabbiltà u l-kontroll tal-materjal nukleari](#). L-operaturi tal-impjanti tal-enerġija nukleari jistgħu jkunu wkoll benefiċjarji ta' kooperazzjoni ffinanzjata mill-UE, madankollu dan biss fil-każijiet ta' eċċezzjoni deskritti fir-Regolament dwar l-[INSC](#)⁸.
- 09** L-ambitu ġeografiku tal-[INSC](#) huwa globali. Madankollu, iqis il-[pajjiżi kandidati għall-adeżjoni mal-UE](#) u l-pajjiżi koperti mill-[Politika Ewropea tal-Viċinat](#) bħala prijoritajiet. L-Ukrajna kienet il-fokus prinċipali tiegħu, billi bbenefikat minn madwar EUR 170 miljun jew 42 % tal-ammonti kkuntrattati kollha matul il-perjodu 2014–2024 (ara l-[Figura 3](#)).

⁸ Il-paragrafu 1(b) tal-Anness [tar-Regolament dwar l-\[INSC tal-2014\]\(#\)](#); l-Artikolu 13 [tar-Regolament dwar l-\[INSC tal-2021\]\(#\)](#).

Figura 3 | Ammonti kkuntratti u mħallsa tal-INSC għall-perjodu 2014-2024 skont il-lok (f'miljun EUR)



Nota: (*) il-kooperazzjoni mal-Belarusija permezz tal-INSC intemmet wara l-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja fl-2022; "Internazzjonali oħra" tirreferi għal kuntratti li jkopru azzjonijiet ta' sikurezza nukleari mingħajr ambitu ġeografiku speċifiku.

Sors: il-QEA, abbażi ta' data tal-kuntratti pprovduta mill-Kummissjoni f'Lulju 2025.

- 10** Barra minn hekk, abbażi ta' [Deċiżjoni tal-Kunsill tal-1977](#) li tagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex toħroġ self tal-Euratom bil-għan li tikkontribwixxi għall-finanzjament tal-impjanti tal-enerġija nukleari, fl-2013 intlaħaq qbil dwar faċilità ta' self bejn l-Euratom u Energoatom, li hija kumpanija tal-Istat responsabbli mit-tħaddim tal-impjanti tal-enerġija nukleari fl-Ukrajna. Bejn l-2017 u l-2021, il-Kummissjoni żborżat, f'isem l-Euratom, total ta' EUR 300 miljun lill-mutwatarju bil-għan li ttejjeb is-sikurezza tal-impjanti tiegħu. Ir-rimborż ta' din is-selva wasal biex jibda fl-2027. Il-proviżjonament ta' din is-selva jiġi ffinanzjat mill-INSC.

Rwoli u responsabbiltajiet

- 11** Servizzi differenti tal-UE u tal-Kummissjoni jikkontribwixxu għall-kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tas-sikurezza nukleari. Ir-rwol l-aktar prominenti huwa dak tad-DĠ INTPA, li jmxexxi l-ippjanar annwali u l-ġestjoni ta' kuljum tal-INSC — b'koordinazzjoni mad-Direttorat Ġenerali għat-Tkabbir u għall-Viċinat tal-Lvant u d-Direttorat Ġenerali għal-Lvant Nofsani, l-Afrika ta' Fuq u l-Golf għal azzjonijiet f'dawn iż-żoni ġeografiċi u bl-appoġġ tekniku taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka. Il-programm indikattiv pluriennali tal-INSC huwa mmexxi mis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE), bl-appoġġ tal-Kummissjoni, b'konsultazzjoni ma' pajjiżi jew reġjuni sħab kif ukoll rappreżentanti tal-[Grupp ta' Regolaturi Ewropew dwar is-Sikurezza Nukleari \(ENSREG\)](#). Kemm il-programm indikattiv pluriennali kif ukoll il-pjanijiet ta' azzjoni annwali huma suġġetti għal [eżaminar](#) mir-rappreżentanti tal-Istati Membri permezz tal-Kumitat INSC. L-implimentazzjoni tal-INSC tista' tiġi mmaniġġjata b'mod dirett mid-DĠ INTPA, jew b'mod indirett mis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni fdati b'dan ir-rwol permezz ta' ftehimiet ta' kontribuzzjoni (eż. il-[BERŻ](#), l-[IAEA](#) u [ċ-Ċentru tax-Xjenza u t-Teknoloġija fl-Ukrajna](#)), għall-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi.
- 12** Lil hinn mill-INSC, is-selva tal-Euratom lill-Ukrajna oriġinarjament ġiet stabbilita u implimentata mid-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji tal-Kummissjoni. Madankollu, Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-2020⁹ tat is-setgħa lid-Direttorat Ġenerali għall-Baġit tagħha biex ikun is-servizz ewlieni responsabbli mill-operazzjonijiet ta' teħid u għoti b'self imwettqa f'isem l-Euratom u b'hekk mis-sorveljanza ta' dik is-selva.
- 13** Filwaqt li ma għandux rwol ewlieni fil-ġestjoni tal-istrumenti ta' finanzjament tal-UE għal kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tas-sikurezza nukleari, id-Direttorat Ġenerali għall-Enerġija (DĠ ENER) tal-Kummissjoni jikkoordina l-implimentazzjoni tat-Trattat Euratom, jappoġġa l-ippjanar annwali tad-DĠ INTPA rigward l-INSC u jinvolvi ruħu fi ftehimiet bilaterali mal-pajjiżi sħab. Fost affarijiet oħra, dawn il-ftehimiet ikopru testijiet tal-istress volontarji fl-impjanti tal-enerġija nukleari — iffaċilitati mid-DĠ ENER, implimentati bl-appoġġ tal-ENSREG, u eliġibbli għall-finanzjament mill-INSC.

⁹ C(2020) 796.

Ambitu u approċċ tal-awditjar

- 14** L-enerġija nukleari tinsab fuq quddiem fl-aġenda pubblika u politika — jew minħabba li toffri soluzzjoni b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju għaż-żieda fid-domanda globali għall-enerġija, jew minħabba tħassib dwar is-sikurezza skattat minn aċċidenti tal-passat u, aktar reċentement, mill-gwerra ta' aggressjoni mir-Russja kontra l-Ukrajna. Il-Kunsill tenna reċentement il-ħtieġa li jkomplu jiġu appoġġati “l-oġhla standards ta' sikurezza nukleari, ambjentali u ta' trasparenza, reġjonalment, fil-viċinanza immedjata tal-fruntieri tal-UE, u globalment”.
- 15** Il-QEA wettqet xogħol tal-awditjar importanti fil-qasam nukleari fil-passat, b'fokus fuq is-sikurezza nukleari u fuq id-dekummissjonar tar-reatturi fl-Istati Membri tal-UE. F'dan l-awditu, eżaminajna aktar fil-fond jekk il-Kummissjoni kinitx effettiva biex issaħħaħ is-sikurezza nukleari f'pajjiżi mhux tal-UE. B'mod aktar speċifiku, ivvalutajna jekk:
- il-Kummissjoni, flimkien mas-SEAE, fasslitx u stabbilietx qafas strateġiku komprensiv għall-kooperazzjoni internazzjonali tal-UE fil-qasam tas-sikurezza nukleari;
 - il-Kummissjoni ġġustifikatx kif xieraq l-allokazzjoni tal-appoġġ finanzjarju mogħti mill-UE għall-azzjonijiet tal-INSC u l-iżborż tas-selva tal-Euratom;
 - l-azzjonijiet ta' sikurezza nukleari ffinanzjati mill-UE wasslux riżultati fil-ħin u skont il-baġit, kif ukoll riżultati tanġibbli u sostenibbli;
 - il-Kummissjoni stabbilietx sistema ta' monitoraġġ robusta biex issegwi l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet tal-INSC u l-impatt tagħhom.
- 16** L-awditu kopra n-nefqa tal-INSC ikkuntrattata matul il-perjodi 2014–2020 u 2021–2024, li minnha għażilna kampjun ta' 14-il kuntratt abbażi tal-materjalità tagħhom, bil-għan ukoll li jinqabdu modi differenti ta' ġestjoni, l-ambitu tal-azzjoni (relatat mal-forniment ta' għarfien espert u l-provvista ta' tagħmir relatat mas-sikurezza, infrastruttura u xogħlijiet ta' rimedju), l-istatus tal-implimentazzjoni u ż-żoni ġeografiċi. Il-lista ta' kuntratti inklużi fil-kampjun li jkopru azzjonijiet fl-Armenja, fl-Asja Ċentrali, fl-Iran u fl-Ukrajna hija preżentata fl-*Anness II*. L-awditu kopra wkoll l-uniku selva tal-Euratom li hija pendenti bħalissa, dik lill-Ukrajna (ara l-paragrafu 10). L-awditu ma kopriex in-nefqa tal-UE li tindirizza primarjament is-sigurtà nukleari, peress li l-atti kriminali jew intenzjonali jinvolvu firxa separata ta' riskji, oqfsa ta' kontroll u strumenti ta' finanzjament separati tal-UE.

- 17** Analizzajna d-dokumenti tal-Kummissjoni u tas-SEAE relatati mal-istabbiliment tal-INSC u l-istabbiliment tal-faċilità ta' self tal-Euratom, kif ukoll id-dokumentazzjoni tal-kuntratti li ttieħdu bħala kampjun. Intervistajna lill-persunal tal-Kummissjoni u tas-SEAE involut fil-programmazzjoni u l-ġestjoni tal-INSC u l-faċilità ta' self tal-Euratom, kif ukoll għażla ta' sħab inkarigati mill-implimentazzjoni, awtoritajiet nazzjonali, u benefiċjarji. Wettaqna analiżijiet mhux fuq il-post tad-dokumentazzjoni għall-kuntratti kollha fil-kampjun, ikkomplementati bi żjarat fuq il-post fil-pajjiżi sħab fejn l-appoġġ mill-INSC indirizza xogħlijiet fiżiċi: l-Armenja u l-Użbekistan. Minħabba l-kontinwazzjoni tal-gwerra ta' aggressjoni mir-Russja kontra l-Ukrajna, issositwejna ż-żjara ppjanata tagħna f'azzjonijiet li jinsabu fl-Ukrajna b'vidjokonferenzi mal-partijiet ikkonċernati ewlenin.
- 18** Il-metodoloġija tal-awditjar tagħna tikkonforma mal-istandards internazzjonali tal-awditjar maħruġa mill-[Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar \(Intosai\)](#).

Anness II – Lista ta' kuntratti li ttieħdu bħala kampjun

	Tip ta' kuntratt	Natura tal-attività prinċipali	Lok	QFP	Ammont ikkuntrattat inizjali Ammont ikkuntrattat fi tmiem I-2024	(fmiljun EUR)
1	Ftehim ta' delega	Xogħlijiet ta' infrastruttura	L-Ukrajna	2014 - 2020	30.0 70.0	
2	Ftehim ta' delega	Xogħlijiet ta' infrastruttura	L-Ukrajna	2014 - 2020	19.1 19.1	
3	Ftehim ta' delega	Xogħlijiet ta' rimedju	L-Asja Ċentrali: il-Kirgiżistan, it-Taġikistan, I-Uzbekistan	2014 - 2020	16.5 37.0	
4	Ftehim ta' kontribuzzjoni	Xogħlijiet ta' rimedju	L-Asja Ċentrali: il-Kirgiżistan, it-Taġikistan, I-Uzbekistan	2021 - 2027	10.3 10.3	
5	Ftehim ta' kontribuzzjoni	Xogħlijiet ta' rimedju	L-Asja Ċentrali: il-Kirgiżistan, it-Taġikistan, I-Uzbekistan	2014 - 2020	3.0 3.0	
6	Ftehim ta' kontribuzzjoni	Tagħmir u monitoraġġ	L-Ukrajna	2021 - 2027	3.4 3.4	
7	Ftehim ta' kontribuzzjoni	Tagħmir	L-Iran	2014 - 2020	5.0 5.0	
8	Kuntratt ta' forniment	Tagħmir	L-Iran	2014 - 2020	6.6 6.6	
9	Kuntratt ta' servizzi	Servizzi ta' konsulenza	L-Iran	2014 - 2020	3.9 3.9	
10	Kuntratt ta' servizzi	Servizzi ta' konsulenza	L-Armenja	2014 - 2020	4.0 4.0	
11	Kuntratt ta' servizzi	Servizzi ta' konsulenza	L-Armenja	2014 - 2020	2.2 2.2	
12	Kuntratt ta' servizzi	Servizzi ta' konsulenza	L-Armenja	2021 - 2027	2.0 2.0	
13	Kuntratt ta' servizzi	Servizzi ta' konsulenza	L-Armenja	2014 - 2020	1.2 1.8	
14	Ftehim ta' delega	Xogħlijiet ta' rimedju	L-Ukrajna	2014 - 2020	3.5 3.5	

Sors: il-QEA, abbażi ta' data tal-kuntratti b'rabta mal-INSC ipprovduta mill-Kummissjoni, estratta fl-10 ta' Lulju 2025.

Abbrevjazzjonijiet

Abbrevjazzjoni	Definizzjoni/Spjegazzjoni
BERŻ	Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp
COP	Konferenza tal-Partijiet tan-Nazzjonijiet Uniti
DĠ ECHO	Id-Direttorat Ġenerali għall-Protezzjoni Ċivili u l-Operazzjonijiet tal-Għajnuna Umanitarja Ewropej
DĠ ENEST	Id-Direttorat Ġenerali għat-Tkabbir u għall-Viċinat tal-Lvant
DĠ INTPA	Direttorat Ġenerali Għas-Sħubijiet Internazzjonali
DĠ MENA	Id-Direttorat Ġenerali għal-Lvant Nofsani, l-Afrika ta' Fuq u l-Golf
DĠ RTD	Id-Direttorat Ġenerali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni
ENSREG	Grupp ta' Regolaturi Ewropew dwar is-Sikurezza Nukleari
ERA	Kont għar-Rimedju Ambjentali għall-Asja Ċentrali
IAEA	Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika
INSC	Strument għal Kooperazzjoni fil-qasam tas-Sikurezza Nukleari (kif stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 237/2014 jew bir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) 2021/948, skont x'japplika)
MOR	Monitoraġġ orjentat lejn ir-riżultati
PAKK	Pjan ta' Azzjoni Komprensiv Konġunt
SEAE	Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna
TACIS	Assistenza Teknika lill-Komunità ta' Stati Indipendenti

Glossarju

Terminu	Definizzjoni/Spjegazzjoni
Benefiċjarju	Persuna fiżika jew ġuridika li tirċievi għotja jew selfa mill-baġit tal-UE biex timplimenta proġett jew programm.
Effettività	Kemm intlaħqu l-oġġettivi fil-mira permezz tal-attivitajiet imwettqa.
Effiċjenza	L-aqwa relazzjoni bejn ir-riżorsi użati, l-attivitajiet imwettqa u l-ilħuq tal-oġġettivi.
Eżitu	Bidla immedjata jew fuq żmien itwal, maħsuba jew mhux maħsuba, li tirriżulta minn proġett, bħall-benefiċċji li jirriżultaw minn forza tax-xogħol imħarrġa aħjar.
Ftehim ta' kontribuzzjoni	Ftehim bejn il-Kummissjoni u organizzazzjoni li timplimenta azzjonijiet taħt ġestjoni indiretta u tkun iddimostrat kapaċità li timmaniġġja l-fondi sal-istess livell bħal dak tal-Kummissjoni.
Ġestjoni finanzjarja tajba	Il-ġestjoni tar-riżorsi b'konformità mal-prinċipji tal-ekonomija, tal-effiċjenza u tal-effettività.
Ġestjoni indiretta	Metodu ta' implimentazzjoni tal-baġit tal-UE, li permezz tiegħu l-Kummissjoni tinkariga lil entitajiet oħra (bħal pajjiżi mhux tal-UE u organizzazzjonijiet internazzjonali) b'kompiti ta' implimentazzjoni.
G7	Il-Grupp tas-Sebgħa (G7) huwa ragruppar informali ta' seba' pajjiżi (il-Kanada, Franza, il-Ġermanja, l-Italja, il-Ġappun, ir-Renju Unit, u l-Istati Uniti) u l-UE. Il-membri tiegħu jiltaqgħu kull sena fis-summit tal-G7 biex jiddiskutu kwistjonijiet ekonomiċi u ġeopolitiċi globali.
Għotja	Appoġġ baġitarju li jingħata mill-UE għall-kostijiet effettivament imġarrba minn benefiċjarju għal proġett jew programm eliġibbli, li normalment ma jitħallasx lura.
Impatt	Il-konsegwenzi usa' fit-tul ta' proġett jew programm li jkun tlesta, bħall-benefiċċji soċjoekonomiċi għall-popolazzjoni kollha.
Inadempjenza	In-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, bħall-ħlas lura ta' self skont il-kundizzjonijiet kuntrattwali.
Indikatur	Informazzjoni li tintuża għall-kejl jew għall-valutazzjoni ta' aspett tal-prestazzjoni.
Kont għar-Rimedju Ambjentali għall-Asja Ċentrali	Fond multidonatur immaniġġjat mill-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-livvilupp biex jiġu indirizzati r-riskji ambjentali u għas-saħħa kkawżati mill-iskart tossiku u radjuattiv residwu mill-minjieri tal-uranju tal-era Sovjetika fl-Asja Ċentrali.
Kuntratti bbażati fuq tariffi	Arranġamenti kuntrattwali li fihom is-servizzi jitħallsu fuq il-bażi tal-ħin tassew maħdum.
Monitoraġġ	L-osservazzjoni u l-verifikazzjoni sistematiki tal-progress, parzjalment permezz ta' indikaturi, lejn l-ilħuq ta' oġġettiv.

Output	Dak li jiġi prodott jew li jinkiseb minn proġett, bħall-għoti ta' kors ta' taħriġ jew il-konstruzzjoni ta' triq.
Prestazzjoni	Kejl ta' kemm azzjoni, proġett jew programm iffinanzjati mill-UE jkunu laħqu l-oġġettivi tagħhom u ta' kemm jipprovdu valur għall-flus.
Programm	Mezz li bih jitwettqu l-oġġettivi speċifiċi ta' politika tal-UE, ġeneralment permezz ta' proġetti kofinanzjati.
Reattur modulari żgħir	Reatturi modulari żgħar (SMRs) huma reatturi nukleari avvanzati li għandhom kapaċità ta' enerġija sa 300 megawatt elettriku għal kull unità, li hija madwar terz tal-kapaċità ta' ġenerazzjoni tar-reatturi tal-enerġija nukleari tradizzjonali.
Rimedju	Kwalunkwe miżura li jaf titwettaq biex jitnaqqas l-esponiment għar-radjazzjoni li jkun kaġun tal-kontaminazzjoni kurrenti ta' żoni ta' art permezz ta' azzjonijiet applikati lill-kontaminazzjoni nnifisha (is-sors) jew lill-mogħdijiet ta' esponiment lill-bnedmin.
Riżultat	L-effett immedjat ta' proġett jew programm malli dan jitlestha, bħat-titjib fl-impjegabbiltà tal-parteċipanti f'kors jew it-titjib fl-aċċessibbiltà wara l-konstruzzjoni ta' triq ġdida.
Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna	Is-servizz diplomatiku tal-UE, responsabbli mill-politika estera u ta' sigurtà.
Sostenibbiltà	Kapaċità tal-finanzjament mill-UE li jkompli jipproduċi l-effetti wara tmiemu.
Stadju importanti	Mira intermedja lejn oġġettiv speċifiku, li għandha tintlaħaq sa data predeterminata.
Studju tal-fattibbiltà	Valutazzjoni ta' jekk metodu, pjan jew biċċa xogħol issuġġeriti humiex possibbli jew raġonevoli.

Risposti tal-Kummissjoni u tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna

<https://www.eca.europa.eu/mt/publications/SR-2026-08>

Kronoloġija

<https://www.eca.europa.eu/mt/publications/SR-2026-08>

Tim tal-awditjar

Ir-rapporti speċjali tal-QEA jippreżentaw ir-riżultati tal-awditi li twettaq ta' politiki u programmi tal-UE, jew ta' suġġetti relatati mal-ġestjoni minn oqsma baġitarji speċifiċi. Il-QEA tagħżel u tfassal dawn il-kompiti tal-awditjar biex timmassimizza l-impatt tagħhom billi tqis ir-riskji għall-prestazzjoni jew għall-konformità, il-livell ta' introjtu jew ta' nfiq involut, l-iżviluppi li jkunu għad iridu jsejtnu u l-interess politiku u pubbliku.

Dan l-awditu tal-prestazzjoni twettaq mill-Awla III tal-Awditjar — Azzjoni esterna, sigurtà u ġustizzja, immexxija minn Bettina Jakobsen, Membru tal-QEA. L-awditu tmexxa minn Marek Opiola, Membru tal-QEA, bl-appoġġ tal-Kabinett tiegħu u tat-tim tal-awditjar. Ingħata appoġġ lingwistiku u grafiku mingħand dipartimenti oħra tal-QEA.

DRITTIJJET TAL-AWTUR

© L-Unjoni Ewropea, 2026

Il-politika tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) dwar l-użu mill-ġdid hija stabbilita fid-[Deċiżjoni Nru 6–2019 tal-QEA](#) dwar il-politika tad-*data* miftuħa u l-użu mill-ġdid ta' dokumenti.

Sakemm ma jkunx indikat mod ieħor (eż. f'avviżi individwali dwar id-drittijiet tal-awtur), il-kontenut tad-dokumenti tal-QEA li jkun proprjetà tal-UE huwa liċenzjat taħt il-[liċenzja tal-Creative Commons Attribution 4.0 International \(CC BY 4.0\)](#). Għalhekk, bħala regola ġenerali, l-użu mill-ġdid huwa awtorizzat dment li jingħata kreditu xieraq u li kwalunkwe bidla tiġi indikata. Dawk li jużaw mill-ġdid il-kontenut tad-dokumenti tal-QEA ma jistgħux ibiddlu s-sinifikat jew il-messaġġ oriġinali. Il-QEA ma għandhiex tkun responsabbli għal kwalunkwe konsegwenza relatata mal-użu mill-ġdid.

Irid jinkiseb permess addizzjonali jekk kontenut speċifiku juri individwi privati identifikabbli, eż. f'ritratti li jkun fihom il-membri tal-persunal tal-QEA, jew jekk ikun jinkludi xogħlijiet ta' parti terza.

Fejn ikun inkiseb tali permess, dan għandu jikkanċella u jissostitwixxi l-permess ġenerali msemmi hawn fuq u għandu jindika b'mod ċar kwalunkwe restrizzjoni dwar l-użu.

Għal użu jew riproduzzjoni ta' kontenut li ma jkunx proprjetà tal-UE, jaf ikun meħtieġ li jintalab il-permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur.

Ritratt tal-qoxra: © Fotokon — stock.adobe.com.

Stampi 1 u 2: © L-impjant tal-enerġija nukleari Armen. Id-drittijiet kollha riżervati.

Stampi 3 u 6: © L-impjant tal-enerġija nukleari Chornobyl. Id-drittijiet kollha riżervati.

Stampa 4: © iċ-Ċentru Xjentifiku u Tekniku tal-Istat għas-Sikurezza Nukleari u s-Sikurezza tar-Radjazzjoni (State Scientific and Technical Center for Nuclear and Radiation Safety — SSTC). Id-drittijiet kollha riżervati.

Software jew dokumenti li jkunu koperti mid-drittijiet ta' proprjetà industrijali, bħal privattivi, trademarks, disinjati rreġistrati, logos u ismijiet, huma esklużi mill-politika tal-QEA dwar l-użu mill-ġdid.

Il-familja ta' siti elettroniċi istituzzjonali tal-Unjoni Ewropea, fid-dominju europa.eu, tipprovdi links għal siti ta' partijiet terzi. Peress li l-QEA ma għandha l-ebda kontroll fuqhom, dawn, inti mħeġġeġ taqra l-politiki tagħhom dwar il-privatezza u dwar id-drittijiet tal-awtur.

Użu tal-logo tal-QEA

Ma jistax isir użu mil-logo tal-QEA mingħajr ma jinkiseb il-kunsens tagħha minn qabel.

HTML	ISBN 978-92-849-6607-3	ISSN 1977-5741	doi:10.2865/9555991	QJ-01-26-003-MT-Q
PDF	ISBN 978-92-849-6608-0	ISSN 1977-5741	doi:10.2865/4483060	QJ-01-26-003-MT-N

KIF TIKKWOTA

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, ir-[Rapport Speċjali 08/2026](#) “Kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tas-sikurezza nukleari — Il-Kummissjoni għadha attur globali importanti iżda ma għandhiex strateġija komprensiva u lanqas monitoraġġ robust”, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2026.

Eżaminajna jekk il-Kummissjoni, flimkien mas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, kinitx effettiva biex issaħħaħ is-sikurezza nukleari f'pajjiżi mhux tal-UE. B'mod ġenerali, nikkonkludu li l-Kummissjoni għadha attur importanti fil-kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tas-sikurezza nukleari, billi għenet fit-twettiq ta' firxa kbira ta' azzjonijiet — xi wħud minnhom kbar u kumplessi. Madankollu, dawn il-kisbiet spiss ġew aktar tard u xi drabi b'kost ogħla milli pjanat inizjalment. Għal xi wħud, is-sostenibbiltà għal żmien twil tibqa' sfida sinifikanti. L-effettività tal-Kummissjoni hija mfixkla wkoll min-nuqqas ta' strateġija komprensiva u aġġornata, minn prijoritizzazzjoni robusta tal-proposti, u minn nuqqasijiet fil-monitoraġġ tal-azzjonijiet iffinanzjati. Inressqu rakkomandazzjonijiet biex dawn l-oqsma jiġu indirizzati.

Rapport speċjali tal-QEA skont l-Artikolu 287(4), it-tieni subparagrafu, TFUE.



QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI
12, rue Alcide De Gasperi
1615 Luxembourg
LUXEMBOURG

Tel. +352 4398-1

Mistoqsijiet: eca.europa.eu/mt/contact
Sit web: eca.europa.eu
Media soċjali: @EUauditors